**QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Numru 2**

**Rikors Maħluf Numru 1124/2015 NC**

**Maltco Lotteries Limited**

**vs.**

**Ministru tal-Finanzi;**
**Ministru għall-Ekonomija u l-Industrija;**
**L-Awtorità Maltija dwar il-Logħob;**
**u b'digriet tad-29 ta' Diċembru 2015 is-soċjeta'**
**Gaming Operations Limited ġiet imdaħħla f'din il-kawża**
***in statu et terminis***

Illum 29 ta' Settembru 2022

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Maħluf tas-soċjeta' Maltco Lotteries Limited (*a fol.* 1 *et seq.*) ippreżentat fis-27 ta' Novembru 2015 li jgħid hekk:

*"Illi wara proċess pubbliku, twil u dettaljat ta' aġġudikazzjoni, is-soċjeta' rikorrenti Maltco Lotteries Limited ("Maltco"), ingħatat id-dritt mill-intimat Ministru tal-Finanzi permezz ta' konċessjoni għal għaxar snin iffirmata fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' Ġunju 2012 sabiex topera l-Lotterija Nazzjonali ("Konċessjoni") taħt id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Lotteriji u l-Logħob (Kap. 438 tal-Liġijiet ta' Malta hawn il-quddiem imsejjaħ l-"Att") u dan bis-saħħa ta' liċenzja maħruġa mill-intimata Awtorità Maltija tal-Logħob, ġja l-Awtorità Maltija tal-Logħob u Lotteriji ("MGA") fl-istess data tas-sebgħa u għoxrin (27) ta' Ġunju 2012 ("Licenzja");*

*Illi skont l-istess Konċessjoni u Liċenzja ffirmati mill-intimati u s-soċjeta' rikorrenti, il-Maltco ġiet esklussivament maħtura għal għaxar (10) snin sabiex tiġġestixxi l-logħbiet tal-Lotterija Nazzjonali kif definiti fil-liġi (Avviż Legali 73 tal-2004 maħruġ taħt l-Att) filwaqt illi ngħatat il-Liċenzja, il-permessi u l-awtorizzazzjonijiet kollha meħtieġa fil-liġi bl-istess Liċenzja u Konċessjoni sabiex topera logħbiet oħrajn imsejħa fl-istess dokumenti bħala "Additional Games";*

*Illi fid-data tal-għotja tal-Konċessjoni u l-ħruġ tal-Liċenzja – sitwazzjoni li għadha hekk sal-lum – fil-liġi Maltija ma kien hemm l-ebda strument leġislattiv (la primarju u lanqas sekondarju) li kien jirregola jew jagħti s-saħħa lill-intimati jew min minnhom sabiex speċifikatament jilliċenzjaw, jirregolaw u jikkontrollaw is-suq Malti f'logħob li jaqa' taħt id-definizzjoni ta' Additional Games għajr għall-istess Liċenzja tal-Lotterija Nazzjonali li tinħareġ taħt l-artikoli 26 et seq. ta' l-Att;*

*Illi kien għalhekk illi l-intimati kienu ħadu d-deċiżjoni illi jilliċenzjaw it-tpoġġija fis-suq, it-tmexxija u l-ġestjoni tal-Additional Games mis-soċjeta' mittenti fil-Liċenzja tal-Lotterija Nazzjonali flimkien mal-logħbiet li jiffurmaw parti mill-istess Lotterija Nazzjonali (definiti bħala National Lottery Games) u huwa in forza ta' din l-istess Liċenzja illi s-soċjeta' rikorrenti illum tmexxi u tista' tmexxi l-istess Additional Games, tagħti kont dettaljat ta' din it-tmexxija lill-intimata MGA li tirregolaha estensivament u tħallas it-taxxa fuq il-logħob lill-intimat*

*Ministru tal-Finanzi, dejjem skont il-liġi, il-Liċenzja u l-Konċessjoni;*

*Illi iżda kemm fil-Liċenzja kif ukoll fil-Konċessjoni fis-seħħ bejn il-partijiet f'din il-kawża huwa stipulat li r-rikorrenti Maltco tirrikonoxxi li fi kwalunkwe żmien tul il-Liċenzja tista' tiġi promulgata liġi li tirregola l-Additional Games u li wara l-promulgazzjoni ta' tali liġi li tiftaħ is-suq tal-Additional Games, l-MGA tkun tista' tilliċenzja entitajiet oħrajn sabiex joperaw f'dak is-suq tal-Additional Games;*

*Illi dan id-dritt ġie espressament rikonoxxut u maqbul bejn il-partijiet u aktar minn hekk il-partijiet qablu kemm fil-Liċenzja kif ukoll fil-Konċessjoni dwar kif eventwalment kellu jinfetaħ is-suq u fost l-oħrajn ġie stipulat fil-Liċenzja b'mod dettaljat kif f'dik l-eventwalita' il-Maltco kienet ser tgħaddi taħt ir-reġim il-ġdid, kif il-Maltco kienet ser tingħata tmintax (18)-il xahar ta' perijodu tranżitorju u kif l-eventwali reġim il-ġdid ma kellux jikkontjeni kundizzjonijiet anqas favorevoli minn dawk tal-Liċenzja għall-Maltco;*

*Illi iżda minkejja dawn id-dispożizzjonijiet tal-Liċenzja u l-Konċessjoni, bi skur tal-istess, u minkejja li sal-lum għad ma hemm l-ebda reġim regolatorju li ddaħħal wara l-firma tal-istess Liċenzja u Konċessjoni sabiex jirregola l-Additional Games, f'Ġunju tal-2015 bdew jinfetħu minn terz ħwienet tal-logħob illi jipprovdu Additional Games madwar Malta u dan mingħajr ma ġie minimament segwit l-iter li ġie pattwit illi kellu jiġi eżegwit meta u x'ħin l-intimati jew min minnhom jiddeċiedu illi jiftħu s-suq fl-Additional Games;*

*Illi l-Maltco kkonfrontat lill-MGA diversi drabi dwar dan l-istat illegali u manifestament kuntrarju għad-dispożizzjonijiet tal-Liċenzja u l-Konċessjoni u inkredibilment l-istess Awtorità intimata ma wriet l-ebda interess illi tikkonforma ma' dak illi hija stess, kif ukoll il-Ministru intimat (possibbilment suċċedut fit-titolu mill-Ministru l-ieħor intimat il-Ministru tal-Ekonomija), qablu li jagħmlu – għal kuntrarju tad-definizzjoni illegali u skorretta ta' liġi li kienet diġa' teżisti qabel il-firma tal-Liċenzja u*

*Konċessjoni li skont hija tagħtiha l-Awtorità meħtieġa sabiex tawtorizza terzi joperaw f'Malta l-Additional Games;*

*Illi dan l-aġir qed jarreka danni inġenti lis-soċjeta' rikorrenti illi l-anqas haġa illi tista' tistenna mill-Gvern ta' Malta u Awtorità Regolatorja bħalma hi l-MGA hija li dawn iwettqu dak illi ftehmu u intrabtu illi jwettqu. Fl-aħjar ipoteżi, dan l-aġir tal-intimati jew min minnhom jikkostitwixxi azzjoni manifestament żbaljata u bbażata fuq interpretazzjoni kompletament skorretta tal-liġi applikabbli u fl-agħar ipoteżi, fid-dawl tal-fatt illi l-MGA qed tinvoka bħala bażi għal-liċenzjar illum ta' Additional Games lil terzi liġi illi diġa' kienet fis-seħħ fid-data tal-firma tal-Liċenzja u l-Konċessjoni, mala fede assoluta tal-intimati illi fl-2012, taw bl-aktar mod ċar lir-rikorrenti x'tifhem li, sakemm jiġi promulgat reġim regolatorju ġdid, kienet hija biss li kienet liċenzjata biex topera l-Additional Games f'Malta meta kien ġja imfassal kif, meta ikun il-waqt, ma jsirx dak li ġie espressament miftiehem billi tiġi invokata liġi ġja fis-seħħ fl-2012 biex jiġu liċenzjati terzi mingħajr ma jagħtu każ minimament dak li ż-żewġ intimati intrabtu li jagħmlu;*

*Illi l-aġir tal-intimati jew min minnhom huwa gravi għaliex, kif sejjer jiġi ampjament ippruvat fit-trattazzjoni ta' din il-kawża, sa minn qabel ma l-Awtorità tat il-permessi u/jew l-approvazzjonijiet meħtieġa u kontestati, hija kienet diġa' mgħarrfa permezz ta' korrispondenza mas-soċjeta' rikorrenti illi ma setgħetx taġixxi kif eventwalment aġixxiet u l-Awtorità intimata minkejja l-fatt illi kienet taf illi l-mod kif eventwalment kellha tiftaħ is-suq fl-Additional Games kien regolat mil-Liċenzja u l-Konċessjoni, minkejja l-fatt illi f'ċirkostanza anteċedenti kienet ġiet imfakkra espressament b'dan il-fatt u totalment minn wara dahar is-soċjeta' esponenti, l-Awtorità xjentement baqgħet għaddejja bl-aġir illegali tagħha li tawtorizza, tapprova u/jew tippermetti li jinkisru d-dispożizzjonijiet tal-Liċenzja u l-Konċessjoni kif deskritt f'dan l-att;*

*Illi dan kollu qed joħloq ukoll konfużjoni totali fis-suq tal-Additional Games f'Malta, u apparti li qed jikser il-Liċenzja u l-Konċessjoni, ħoloq sitwazzjoni inaċċettabbli u manifestament*

*illegali fejn, jekk għandhom raġun l-intimati jew min minnhom, operaturi li jipprovdu l-istess logħob f'Malta huma regolati minn reġimi differenti, liċenzji differenti u kundizzjonijiet (kif ukoll taxxi) differenti;*

*Illi l-istat jagħti konċessjonijiet u liċenzji pubbliċi sabiex dawn jiġu onorati kemm mill-konċessjonarju/a kif ukoll mill-Awtorità kemm governattiva kif ukoll regolatorja li fuqhom l-ewwel jaqa' id-dmir tal-ħarsien tas-Saltna tad-Dritt u għalhekk f'dan il-każ, hija tassew ta' stmerrija partikolari li wara li r-rikorrenti ħallset miljuni ta' ewro għall-Konċessjoni u Liċenzja, b'mod għal kollox abbużiv, arbitrarju u awtokratiku, jinkisru d-dispożizzjonijiet miftehma fil-Konċessjoni u fil-Liċenzja mill-istess stat u Awtorità regolatorja jew minn minnhom wara biss anqas minn tlett snin;*

*Illi qabel ma kellha titressaq din il-kawża, s-soċjeta' rikorrenti għamlet minn kollox sabiex tevita li jkollha tirrikorri għal dan ir-rimedju ġudizzjarju iżda l-intimata MGA ma wriet l-ebda rieda illi tonora d-dispożizzjonijiet tal-Liċenzja u Konċessjoni u insistiet b'mod vag, ġenerali u diskrezzjonali mingħajr l-ebda bażi fil-liġi illi s-sitwazzjoni viġenti hija regolari u aċċettabbli. Dan jidher ċar anke mit-tweġiba għall-ittra uffiċċjali tal-Maltco (Dokument A) intavolata mill-istess MGA (Dokument B) illi fiha l-MGA lanqas biss indenjat twieġeb it-talbiet fuq il-mertu;*

*Għaldaqstant, għal dawn ir-raġunijiet u għar-raġunijiet dettaljati li sejrin jiġu miġjuba u ppruvati waqt is-smigħ ta' din il-kawża, is-soċjeta' rikorrenti Maltco umilment titlob li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

*1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi bil-liċenzjar, awtorizzazzjoni u/jew approvazzjoni ta' logħob jew magni tal-logħob immexxija minn kwalunkwe terz operatur li jaqa' taħt l-ekwivalenti tal-Additional Games, l-intimati Ministru tal-Finanzi, Ministru għall-Ekonomija Investiment u Intraprizi Żgħar u l-MGA jew min minnhom, kisru/kiser/kisret id-dispożizzjonijiet tal-Liċenzja u l-Konċessjoni mogħtija lis-soċjeta' rikorrenti;*

*2. Tħassar, tirrevoka u tannulla l-atti kollha li wasslu għal-liċenzjar awtorizzazzjoni u/jew approvazzjoni ta' terz/i operatur/i f'Malta ta' logħob u magni li joffru logħob ekwivalenti għall-Additional Games bi ksur tal-Liċenzja u l-Konċessjoni;*

*3. Tiddikjara u tiddeċiedi li intimati solidament jew mod ieħor jew min minnhom huma/huwa/hija responsabbli għad-danni kollha kaġunati, anke permezz tal-aġir in mala fede tal-intimati jew min minnhom, lis-soċjeta' rikorrenti bħala riżultat ta' tali imġieba illegali;*

*4. Tillikwida dawn id-danni jekk huwa meħtieġ bil-ħatra ta' periti; u*

*5. Tikkundanna lill-intimati solidament jew mod ieħor jew minn minnhom iħallsu/iħallas/tħallas lis-soċjeta' rikorrenti l-istess danni hekk likwidati.*

*Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali kontra l-intimati li huma nġunti minn issa sabiex jidhru għas-subizzjoni."*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenuti l-Ministru tal-Finanzi u l-Ministru għall-Ekonomija u l-Industrija ġia l-Ministru għall-Ekonomija, Investiment u Intrapriżi Żgħar (*a fol.* 25 *et seq.*) ippreżentata fit-23 ta' Diċembru 2015 fejn jingħad hekk:

*"1. Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari l-Ministru tal-Finanzi mhuwiex il-leġittimu kontradittur u għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju a tenur tal-Artikolu 181B tal-Kodiċi tal-Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta) stante li l-konċessjoni li għamlet referenza għaliha s-soċjeta' attriċi saret mill-Ministru responsabbli għall-Awtorità Maltija dwar il-Logħob a tenur tal-Att dwar il-Lotteriji u Logħob ieħor (Kap. 438 tal-Liġijiet ta' Malta) kif ukoll in kwantu 'l-liċenżjar, awtorizzazzjoni u/jew approvazzjoni ta' logħob jew magni tal-logħob' jaqa' fil-mansjoni tal-Awtorità Maltija dwar il-Logħob;*

*2. Illi dejjem minn linea preliminari u mingħajr preġudizzju, l-Ministru għall-Ekonomija, Investiment u Intrapriżi Żgħar lanqas ma huwa leġittimu kontradittur għall-allegazzjonijiet u pretensjonijiet attriċi inkwantu l-allegazzjonijiet u t-talbiet tagħha jirreferu għal 'l-liċenzjar, awtorizzazzjoni u/jew approvazzjoni ta' logħob jew magni tal-logħob' li jaqa' esklussivament fil-mansjoni tal-Awtorità Maltija dwar il-Logħob li topera b'mod indipendenti a tenur tat-Taqsima IV tal-Kap. 438 dwar it-Twaqqif u Funzjonijiet tal-Awtorità Maltija dwar il-Logħob;*

*3. Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet attriċi huma kollha infondati sija fil-fatt u sija fid-dritt għar-raġunijiet segwenti li qegħdin jiġu hawn elenkati mingħajr preġudizzju għal xulxin:*

*3.1 Illi l-esponenti dejjem imxew mal-obbligi naxxenti mill-Konċessjoni tas-27 ta' Ġunju 2012 kif sussegwentement emendata fil-15 ta' Frar 2013 li għaliha hemm referenza fir-rikors promutur u mad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 438 tal-Liġijiet ta' Malta u r-regolamenti sussidjarji;*

*3.2 Illi l-impressjoni mogħtija mis-soċjeta'rikorrenti li jeżisti xi vaku legali u/jew nuqqas ta' leġislazzjoni li tirregola l-logħob fis-suq tal-Additional Games li allegatament qed toħloq 'konfużjoni totali' u/jew 'sitwazzjoni inaċċettabli u manifestament illegali' hija għal kollox infondata in kwantu tali regolamenti ilhom jeżistu sa minn qabel ma nħarġet il-Konċessjoni/Liċenzja lis-soċjeta' rikorrenti f'Lulju 2012 u għadhom viġenti sallum;*

*3.3 Illi effettivament is-suq tal-Additional Games kien wieħed miftuħ sa minn qabel il-Konċezzjoni (<u>recte</u>: Konċessjoni) u Liċenzja mogħtija lis-soċjeta' rikorrenti f'Lulju 2012 u għalhekk il-premessa tas-soċjeta' rikorrenti illi dan is-suq kellu jinfetaħ biss bil-promulgazzjoni ta' reġim leġislattiv ġdid wara l-imsemmija Konċessjoni/Liċenzja huwa għal kollox bla bażi;*

*3.4 Illi m'huwiex minnu dak allegat fir-rikors promotur illi l-intimati esponenti b'xi mod qablu u/jew intrabtu mas-soċjeta'*

*rikorrenti illi l-istess intimati ma jħallux lill-operaturi terzi illi joperaw fis-suq tal-Additional Games sakemm ma jiġix promulgat reġim ta' leġislazzjoni ġdida in konnessjoni ma' dan is-settur. Illi kuntrarjament għal dak allegat mas-soċjeta' rikorrenti, ma hemm pattwit l-ebda iter li kellu jiġi segwit qabel ma operaturi terzi ikunu jistgħu jiġu liċenzjati sabiex joperaw fis-settur tal-Additional Games. Għalhekk m'huwiex minnu illi l-intimati kisru u/jew qegħdin jiksru b'xi mod xi kundizzjoni tal-Konċessjoni u/jew tal-Liċenzja mogħtija lis-soċjeta' rikorrenti sabiex topera l-Lotterija Nazzjonali, u dan kif allegat mis-soċjeta' attriċi;*

*3.5 Illi l-intimati jiċħdu kategorikament illi huma aġixxew in mala fede u/jew li waqt in-negozjati li wasslu għal Konċezzjoni [<u>recte</u>: Konċessjoni]/Liċenzja de quo, is-soċjeta' rikorrenti ingħatat xi aspettativa illi hija kienet ser topera b'mod esklussiv fis-suq tal-Additional Games għal xi perijodu ta' żmien – senjatament sakemm jiġi promulgat xi reġim ta' leġislazzjoni ġdida in konnessjoni mal-imsemmi suq tal-Additional Games. Anzi matul l-imsemmija negozjati, inkluż fil-Call for Tenders illi saħansitra ippreċeda l-imsemmija negozjati, l-intimati bl-aktar mod ċar u inekwivoku għamluha ċara illi huma riedu jevitaw b'kull mezz illi jingħata xi dritt ta' esklussivita' fis-suq tal-Additional Games propju sabiex ikun hemm kompetizzjoni libera fl-imsemmi suq;*

*3.6 Illi s-soċjeta' attriċi ingħatat esklussivita' <u>biss</u> illi topera in-"National Lottery Games" imfissra fil-Konċessjoni bħala il-'Grand Lottery, Super 5 u Lotto' u ħallset il-flejjes imsemmija fir-rikors promotur esklussivament għall-kisba tal-esklussivita' għall-imsemmija Grand Lottery, Super 5 u Lotto. Kuntrarjament għall-impressjoni mogħtija mis-soċjeta' attriċi, hija ma ħallset l-ebda sold sabiex topera fis-suq tal-Additional Games u għalhekk f'dan is-suq hija liċenzjata biss illi topera fuq bażi mhux esklussiv;*

*3.7 Illi s-soċjeta' attriċi qegħda fil-fatt tivvanta drittijiet illi hija m'għandhiex u bl-ebda mod ma kien il-ħsieb illi jingħatawlha u qegħda tipprova testendi l-esklussivita' li tgawdi fis-settur tan-*

*National Lottery Games għas-setturi l-oħra kollha tal-logħob u dan lil'hinn minn dak illi ġie konċess lilha;*

*3.8 Illi kull allegazzjoni illi l-esponenti qegħdin jaġixxu b'mod abbużiv, arbitrarju, awtokratiku u/jew illegali qegħdin jiġu respinti bil-qawwa. Anzi huwa propju l-kuntrarju u huwa dak illi l-istess soċjeta' attriċi qegħda tippretendi illi l-intimati għandhom jagħmlu illi joħloq stat ta' illegalita' u abbuż partikolarment fil-konfront ta' operaturi terzi illi jixtiequ joperaw fis-suq tal-Additional Games fl-ambitu tal-liġijiet u regolamenti viġenti;*

*3.9 Illi għal dak li jirrigwarda t-talbiet għad-dikjarazzjoni ta' responsabbilita' għad-danni u likwidazzjoni tal-istess, l-esponenti jissottomettu li huma ma kkawżaw l-ebda danni lis-soċjeta' attriċi u li għalhekk ma jirrispondu għall-ebda danni. F'kull każ u mingħajr preġudizzju s-soċjeta' attriċi m'hija qiegħda ssofri l-ebda danni in kwantu ma jeżisti l-ebda ksur tal-kundizzjonijiet tal-Konċessjoni/Liċenzja mogħtija lilha u kull allegazzjoni attriċi f'dan is-sens hija merament ipotetika u spekulattiva u insostenibbli kif se jirriżulta matul it-trattazzjoni ta' din il-kawża. Fi kwalunkwe każ u mingħajr preġudizzju ma jeżisti l-ebda ness bejn l-allegazzjonijiet fil-konfront tal-esponenti u t-talba tas-soċjeta' attriċi għad-danni allegatament sofferti minnha;*

*3.10 Illi għalhekk it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż."*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenuta l-Awtorità Maltija dwar il-Logħob (*a fol.* 66 *et seq.*) ippreżentata fl-4 ta' Jannar 2016 fejn jingħad hekk:

*"1. Illi t-talbiet attriċi huma infondati sija fil-fatt u sija fid-dritt;*

*2. Illi l-Awtorità esponenti qiegħda taqdi d-doveri tagħha ai termini tal-Kapitolu 438 tal-Liġijiet ta' Malta u r-regolamenti sussidjarji;*

*3. Illi l-impressjoni mogħtija mis-soċjeta' rikorrenti illi jeżisti xi vaku legali u/jew nuqqas ta' leġislazzjoni li tirregola l-logħob fis-suq tal-Additional Games u li jeżisti xi ġungla f'dan is-suq hija għal kollox infondata u tali regolamenti ilhom jeżistu sa minn qabel ma nħarġet il-Konċessjoni/Liċenzja lis-soċjeta' rikorrenti f'Lulju 2012. Illi fil-fatt kwalunkwe approvazzjoni, awtorizzazzjoni u/jew liċenzja illi l-istess Awtorità ikkonċediet u/jew qiegħda tikkonċedi lill-operaturi terzi fis-settur tal-Additional Games qiegħed issir fl-ambitu tal-leġislazzjoni viġenti u fil-parametri tas-setgħat mogħtija lilha bil-Liġi;*

*4. Illi s-suq tal-Additional Games kien wieħed miftuħ sa minn qabel il-Konċeżżjoni [<u>recte</u>: Konċessjoni] u Liċenzja mogħtija lis-soċjeta' rikorrenti f'Lulju 2012 u għalhekk il-premessa tas-soċjeta' rikorrenti illi dan is-suq kellu jinfetaħ biss bil-promulgazzjoni ta' reġim leġislattiv ġdid wara l-imsemmija Konċessjoni/Liċenzja huwa għal kollox bla bażi;*

*5. Illi m'huwiex minnu dak allegat fir-rikors promotur illi l-Awtorità esponenti b'xi mod qablet u/jew intrabtet mas-soċjeta' rikorrenti illi l-istess Awtorità ma tħallix lill-operaturi terzi illi joperaw fis-suq tal-Additional Games sakemm ma jiġix promulgat reġim ta' leġislazzjoni ġdida in konnessjoni ma' dan is-settur. Illi kuntrarjament għal dak allegat mas-soċjeta' rikorrenti, ma hemm pattwit l-ebda iter li kellu jiġi segwit qabel ma operaturi terzi jkunu jistgħu jiġu liċenzjati sabiex joperaw fis-settur tal-Additional Games. Għalhekk m'huwiex minnu illi l-Awtorità esponenti kisret u/jew qiegħda tikser b'xi mod xi kundizzjoni tal-Konċessjoni u/jew tal-Liċenzja mogħtija lis-soċjeta' rikorrenti sabiex topera l-Lotterija Nazzjonali, u dan kif allegat mis-soċjeta' rikorrenti;*

*6. Illi l-Awtorità esponenti tiċħad kategorikament illi hija aġixxiet in mala fede u/jew li waqt in-negozjati li wasslu għal Konċezzjoni [<u>recte</u>: Konċessjoni]/Liċenzja de quo, s-soċjeta' rikorrenti ngħatat xi aspettativa illi hija kienet ser topera b'mod esklussiv fis-suq tal-Additional Games għal xi perjodu ta' żmien – senjatament sakemm jiġi promulgat xi reġim ta' leġislazzjoni ġdida in konnessjoni mal-imsemmi suq tal-Additional Games.*

*Anzi matul l-imsemmija negozjati, inkluż fil-Call for Tenders illi saħansitra ippreċeda l-imsemmija negozjati, il-Gvern u l-Awtorità bl-aktar mod ċar u inekwivoku għamluha ċara illi huma riedu jevitaw b'kull mezz illi jingħata xi dritt ta' esklussivita' fis-suq tal-Additional Games proprju sabiex ikun hemm kompetizzjoni libera fl-imsemmi suq;*

*7. Illi s-soċjeta' rikorrenti ngħatat esklussivita'* <u>*biss*</u> *illi topera n-"National Lottery Games" imfissra bħala l-Grand Lottery, Super 5 u l-Lotto. Illi s-soċjeta' rikorrenti ħallset il-flejjes imsemmija fir-rikors promotur esklussivament għall-kisba tal-esklussivita' għall-imsemmja Grand Lottery, Super 5 u l-Lotto. Illi kuntrarjament għall-impressjoni mogħtija mis-soċjeta' rikorrenti, hija ma ħallset l-ebda sold sabiex topera fis-suq tal-Additional Games u għalhekk f'dan is-suq hija liċenzjata biss illi topera fuq bażi mhux esklussiv;*

*8. Illi s-soċjeta' rikorrenti qiegħda fil-fatt tivvanta drittijiet illi hija m'għandhiex u bl-ebda mod ma kien xi ħsieb illi jingħatalha u qiegħda tipprova testendi l-esklussivita' li tgawdi fis-settur tal-National Lottery Games għas-setturi l-oħra kollha tal-logħob u dan lil hinn min dak illi ġie konċess lilha;*

*9. Illi kull allegazzjoni illi l-Awtorità esponenti qiegħda taġixxi b'mod abbużiv, arbitrarju, awtokratiku u/jew illegali qiegħda tiġi respinta bil-qawwa. Anzi huwa proprju l-kuntrarju u huwa dak illi l-istess soċjeta' rikorrenti qiegħda tippretendi illi l-Awtorità għandha tagħmel illi joħloq stat ta' illegalita' u abbuż partikolarment fil-konfront ta' operaturi terzi illi jixtiequ joperaw fis-suq tal-Additional Games fl-ambitu tal-liġijiet u regolamenti viġenti;*

*10. Illi għal dak li jirrigwarda t-talbiet għad-dikjarazzjoni ta' responsabbilita' għad-danni u likwidazzjoni tal-istess, l-esponenti tissottometti li hija ma kkawżat l-ebda danni. F'kull każ u mingħajr preġudizzju s-soċjeta' attriċi m'hija qiegħda issofri l-ebda danni in kwantu ma jeżisti l-ebda ksur tal-kundizzjonijiet tal-Konċessjoni/Liċenzja mogħtija lilha u kull allegazzjoni attriċi f'dan is-sens hija merament ipotetika u*

*spekulattiva u insostenibbli kif se jirriżulta matul it-trattazzjoni ta' din il-kawża. Fi kwalunkwe każ u mingħajr preġudizzju ma jeżisti l-ebda ness bejn l-allegazzjonijiet fil-konfront tal-esponenti u t-talba tas-soċjeta' attriċi għad-danni allegatament sofferti minnha;*

*11. Illi għalhekk it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż."*

Rat ir-Risposta Maħlufa tas-soċjeta' intervenuta Gaming Operations Limited (*a fol.* 71 *et seq.*) ippreżentata fit-8 ta' Jannar 2016 li tgħid hekk:

*"Illi permezz ta' digriet ta' din l-Onorabbli Qorti fil-proċeduri fl-ismijiet premessi datat 29 ta' Diċembru, 2015, l-esponenti ġiet awtorizzata tintervjeni fil-proċeduri in status et terminis ai termini tal-artikolu 960 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u tippreżenta risposta bil-miktub u tressaq il-provi li hemm bżonn biex issostni l-interessi tagħha u għalhekk, in forza tal-imsemmija awtorizzazzjoni, l-esponenti qiegħda umilment tippreżenta r-risposta tagħha, li permezz tagħha tesponi bir-rispett li t-talbiet kollha tas-soċjeta' attriċi huma infondati kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż:*

*1. Illi l-ewwel talba, li permezz tagħha l-intimati jitolbu għal dikjarazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti fis-sens li l-liċenzjar, awtorizzazzjoni u/jew approvazzjoni ta' logħob jew magni tal-logħob immexxija minn kwalunkwe terz operatur li jaqa' taħt l-ekwivalenti tal-Additional Games, maħruġa mill-intimati tikser id-dispożizzjonijiet tal-Liċenzja u l-Konċessjoni mogħtija lis-soċjeta' rikorrenti, hija insostenibbli stante li fil-proċess li wassal għall-għoti tal-konċessjoni sabiex tiġi operata l-Lotterija Nazzjonali kien dejjem stipulat li l-Concession fee kienet qed titħallas biss għad-drittijiet ta' esklussivita' fuq il-logħob tal-Lottu, Super 5 u l-Grand Lottery u li logħob ieħor ma kienx ser jiġi milqut minn xi restrizzjoni bħala konsegwenza ta' din il-konċessjoni;*

*2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-tieni talba tas-soċjeta' attriċi li permezz tagħha s-soċjeta' attriċi titlob it-tħassir, revoka u annullament tal-atti kollha li wasslu għal-liċenzjar, awtorizzazzjoni u jew approvazzjoni ta' terzi operaturi f'Malta ta' logħob u magni li joffru logħob ekwivalenti għall-Additional Games bi ksur tal-liċenzja u l-konċessjoni hija wkoll legalment insostenibbli, partikolarment għar-rigward tal-liċenzji maħruġa lis-soċjeta' esponenti, stante li l-liċenzji tas-soċjeta' intervenjenti ngħataw mill-Awtorità intimata in forza ta' dispożizzjonijiet tal-liġi (Gaming Devices Regulations, LS. 438.07 promulgata permezz ta' l-AL 75/2011 kif emendat permezz ta' AL 426/2012 u AL 85/2014) u għalhekk ma jistax b'xi mod jitqies li l-aġir tal-Awtorità u/jew tal-intimati l-oħra meta nħarġu dawn il-liċenzji kien b'xi mod ultra vires jew imur oltre l-poteri tal-intimati u għalhekk, bid-dovut rispett, ma jistax jiġi revokat u/jew rexiss minn din l-Onorabbli Qorti;*

*3. Illi konsegwentement, fid-dawl tal-insostenibilita' tal-ewwel u tat-tieni talba, it-tielet, ir-raba' u l-ħames talba wkoll għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż;*

*4. Illi l-proċeduri jittrattaw, inter alia, il-ħruġ ta' liċenzji mill-Awtorità Maltija dwar il-Logħob, partikolarment f'dawk li huma deskritti minn Maltco bħala Additional Games fil-konċessjoni mogħtija lir-rikorrenti Maltco Lotteries Limited, b'dan s-soċjeta' esponenti Gaming Operations Limited mhijiex parti mill-ftehim bejn Maltco Lotteries Limited u l-intimati u għalhekk mhemmx kjarezza dwar x'jirrappreżentaw dawn l-Additional Games li għalihom jagħmlu referenza l-atturi, u li dejjem kien ċar li d-drittijiet ta' esklussivita' kienu limitati għal-logħob tal-Lottu, Super 5 u l-Grand Lottery;*

*5. Illi s-soċjeta' esponenti hija soċjeta' debitament awtorizzata sabiex topera fis-settur in kwistjoni, ċioè s-settur tal-logħob tal-ażżard, u ilha topera f'dan is-settur għal diversi snin mingħajr qatt ma kellha ebda forma ta' ilment jew problema mal-awtoritajiet konċernati u/jew ma' utenti tagħha;*

*6. Illi wara proċess rigoruż, trasparenti u pjenament regolat mill-Gaming Devices Regulations is-soċjeta' esponenti Gaming Operations Limited, ġiet awtorizzata, permezz ta' liċenzji ta' Klassi 1, Klassi 2 u Klassi 3 maħruġa a tenur tal-istess regolamenti, topera fis-settur tal-Gaming Devices, fost l-oħrajn fis-settur tal-Sports Betting, taħt l-isem ta' IZIBET;*

*7. Illi qabel xejn irid jingħad li dawn il-liċenzji kienu ġia ngħataw lil Gaming Operations Limited u din ġia kienet bdiet topera qabel mal-atturi Maltco ngħataw il-konċessjoni u l-liċenzja tagħhom;*

*8. Illi barra minn hekk il-Malta Racing Club ġia kienet topera hekk imsejħa Additional Games fuq tiġrijiet taż-żwiemel esteri qabel mal-atturi Maltco ngħataw il-konċessjoni u l-liċenzja tagħhom, b'dan li huwa għalhekk ċar li s-suq ta' dak li Maltco jirreferu għalihom bħala Additional Games ġia kien jeżisti u jopera qabel mal-Maltco ngħatat il-liċenzja u l-konċessjoni;*

*9. Illi madankollu, permezz tal-preżenti proċeduri, s-soċjeta' attriċi qiegħda tfittex dikjarazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti fis-sens li l-liċenzji maħruġa lil terzi jiksru l-kundizzjonijiet tal-liċenzja u/jew l-konċessjoni mogħtija lilhom u s-soċjeta' attriċi qiegħda titlob ir-revoka tal-proċess kollu li wassal għall-ħruġ tal-liċenzji li ngħataw lil terzi, fosthom Gaming Operations Limited, li ngħatat liċenzja leġitimament mill-Awtorità, liema liċenzja kienet saħansitra tippreċedi dik mogħtija lill-atturi;*

*10. Illi barra minn hekk l-esponenti intervenuta fil-kawża teċepixxi li l-ħruġ tal-liċenzji tagħha sar wara proċess appositu u li għab-bażi ta' dawn il-liċenzji s-soċjeta' intervenuta fil-kawża għamlet investiment sinnifikanti ħafna, kemm fuq apparat debitament ċertifikat minn laboratorji indipendenti ta' testjar akkreditati fi Stati Membri tal-Unjoni Ewropea jew Stati Membri taż-Żona Ekonomika Ewropea jew ġurisdizzjonijiet oħra jew territorji oħra approvati mill-Awtorità Maltija dwar il-Logħob u rikonoxxuti mill-Awtorità bħala li għandhom l-akkreditazzjoni meħtieġa biex joħorġu ċertifikat li jiċċertifika li kull apparat liċenzjat hu konformi mad-dritt komunitarju u ma'*

*standards li jistgħu jkunu applikabbli minn żmien għal żmien u mal-Gaming Devices Regulations, kif ukoll permezz tal-impjieġ ta' aktar minn 150 persuna, f'settur li huwa pjenament regolat u li fih l-atturi mhumiex, ex admissis, intitolati għall-ebda esklussivita';*

*11. Illi di più huwa totalment skorrett da parti tas-soċjeta' attriċi li tittanta targumenta li l-attivitajiet tal-esponenti mhumiex regolamentati b'xi liġi, billi l-operat tal-esponenti huwa fil-fatt pienament regolat mill-Gaming Devices Regulations, f'mod ferm aktar stringenti u oneruż mill-operat ta' Maltco Lotteries Limited u huwa wkoll skorrett da parti tas-soċjeta' attriċi li donnha tipprova tagħti x'tifhem li dawk li tirreferi għalihom hi bħala Additional Games huma b'xi mod milquta b'xi obbligi ta' esklussivita' billi dejjem kien ċar li d-drittijiet ta' esklussivita' kienu limitati biss għal-logħob tal-Lottu, Super 5 u l-Grand Lottery;*

*Għaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha, prevja kwalsiasi provvediment li jidhrilha opportun, tiċħad it-talbiet tas-soċjeta' rikorrenti, partikolarment iżda mhux esklussivament it-tieni talba li hija diretta kontra s-soċjeta' esponenti, billi huma infondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt;*

*B'riserva għal kull azzjoni ulterjuri li għaliha hija jew tista' tkun intitolata s-soċjeta' Gaming Operations Limited, inkluża azzjoni għad-danni kontra l-partijiet l-oħra kollha f'din il-kawża."*

Rat id-dokumenti eżebiti u l-atti proċesswali kollha ta' dan il-każ.

Rat id-depożizzjonijiet (inkluż affidavits) mogħtija mix-xhieda li xehdu qabel din il-kawża ġiet assenjata lil Qorti kif preseduta.

Rat illi, fis-seduta tat-13 ta' Jannar 2016 (*a fol.* 75), din il-Qorti diversament preseduta ordnat l-inverżjoni tal-provi wara li fl-imsemmija seduta l-konvenuti l-Ministru tal-Finanzi u l-Ministru għall-Ekonomija u l-Industrija ġia l-Ministru għall-Ekonomija, Investiment u Intrapriżi Żgħar talbu li l-ewwel jiġu trattati l-ewwel

(1) u t-tieni (2) eċċezzjoni hekk kif kontenuti fir-Risposta Maħlufa tagħhom (*a fol.* 25 *et seq.*).

Rat is-sentenza preliminari mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fid-9 ta' Ġunju 2017 (*a fol.* 159 *et seq.*) fejn:

- laqgħet l-ewwel (1) eċċezzjoni preliminari tal-Ministri konvenuti u lliberat lill-Ministru tal-Finanzi mill-osservanza tal-ġudizzju;

- ċaħdet it-tieni (2) eċċezzjoni preliminari tal-Ministri konvenuti u ordnat il-prosegwiment tal-kawża bil-provi dwar il-mertu.

Rat illi, fis-seduta tas-6 ta' Mejju 2019 (*a fol.* 388 *et seq.*), din il-Qorti diversament preseduta laqgħet it-talbiet hekk kif kontenuti f'Rikors ippreżentat mis-soċjeta' attriċi fit-28 ta' Marzu 2019 (*a fol.* 367 *et seq.*) fejn ġie mitlub li l-Qorti tordna li jingħalqu l-provi tal-istess soċjeta' attriċi fuq ir-responsabilita' *ossia* l-ewwel (1), it-tieni (2), u t-tielet (3) talba hekk kif kontenuti fir-Rikors Maħluf tagħha, tisma' l-provi tal-konvenuti dwar l-istess talbiet u tingħata sentenza dwar l-imsemmija talbiet.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet (*a fol.* 485 *et seq.*) ippreżentata mis-soċjeta' attriċi Maltco Lotteries Limited fit-30 ta' Settembru 2021.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet (*a fol.* 542 *et seq.*) ippreżentata mis-soċjeta' intervenuta Gaming Operations Limited fl-14 ta' Diċembru 2021.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet (*a fol.* 550 *et seq.*) ippreżentata mill-konvenuta l-Awtorità ta' Malta dwar il-Logħob fid-29 ta' Diċembru 2021.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet (*a fol.* 567 *et seq.*) ippreżentata mill-konvenut il-Ministeru għall-Ekonomija u l-Industrija fit-3 ta' Jannar 2022.

Semgħet, fis-seduta tas-17 ta' Mejju 2022, is-sottomissjonijiet ulterjuri bil-fomm (*a fol.* 600 *et seq.*) magħmula mill-konsulenti legali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi tagħmel riferenza għax-xiehda u għad-dokumenti saljenti li ġew mismugħa u preżentati tul il-mori tal-proċeduri odjerni u li jirrigwardaw din is-sentenza dwar l-ewwel (1), it-tieni (2) u t-tielet (3) talba hekk kif kontenuti fir-Rikors Maħluf tas-soċjeta' attriċi.

Illi, fil-5 ta' Frar 2016, ġie ppreżentat affidavit ta' **Matthew Vella** (*a fol.* 79) fejn jibda billi jgħid li huwa direttur fi ħdan il-Ministeru għall-Ekonomija, Investiment u Intrapriżi Żgħar. Jikkonferma illi l-liċenzjar u/jew approvazzjoni tal-logħob jew magni tal-logħob jaqa' esklussivament fil-mansjoni tal-Awtorità Maltija dwar il-Logħob u li l-Ministeru għall-Ekonomija, Investiment u Intrapriżi Żgħar qatt ma kellu l-ebda involviment fil-liċenzjar, awtorizzazzjoni u/jew approvazzjoni ta' logħob jew magni tal-logħob.

Illi, fil-15 ta' Frar 2016, ġie ppreżentat affidavit ta' **Claude Cuschieri** (*a fol.* 83) fejn jgħid li huwa Direttur Ġenerali fi ħdan il-Ministeru għall-Finanzi. Jikkonferma li l-konċessjoni in kwistjoni ġiet iffirmata mis-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għall-Finanzi, Ekonomija u Investiment u jispjega li kif jirriżulta mill-Gazzetta tal-Gvern tal-14 ta' Marzu 2013 (Dok. "CC1" – *a fol.* 84 *et seq.*) ir-responsabilita' li qabel kienet assenjata lill-Ministru għall-Finanzi, Ekonomija u Investiment ġiet maqsuma f'żewġ Ministeri b'mod illi r-responsabilita' għall-Awtorità Maltija dwar il-Logħob għaddiet fuq il-Ministru għall-Ekonomija, Investiment u Intrapriżi Żgħar. Jgħid li kemm fil-passat kif ukoll fil-preżent l-Ministeru għall-Finanzi qatt ma kellu rwol fil-liċenzjar, awtorizzazzjoni u/jew approvazzjoni tal-logħob peress li l-liċenzjar kien il-mansjoni esklussiva tal-Awtorità Maltija dwar il-Logħob.

Illi, fis-seduta tal-24 ta' Frar 2016, xehdet **Dr. Edwina Licari** (*Chief Officer Legal EU and International Affairs* fi ħdan l-Awtorità Maltija

dwar il-Logħob – *a fol.* 101 *et seq.*) fejn tispjega li l-Awtorità Maltija dwar il-Logħob hija responsabbli sabiex toħroġ l-awtorizzazzjoni u liċenzjar ta' kull tip ta' logħob li jsir f'Malta u li Taqsima 4 tal-Kapitolu 438 tal-Liġijiet ta' Malta tagħti poter lill-Awtorità toħroġ liċenzja permezz ta' regolamenti li huma fis-seħħ taħt l-Att. Tixhed li l-Awtorità taħdem b'mod indipendenti skont ma tipprovdi l-liġi u tikkonferma li l-Ministeru tal-Ekonomija u l-Ministeru għall-Finanzi ma kellhom l-ebda involviment fl-awtorizzazzjoni ta' liċenzjar f'dak li jikkonċerna t-talbiet tal-kawża odjerna.

In kontro-eżami tispjega li l-Ministru jista' jagħti direzzjoni *"in the public interest"* (*a fol.* 103). Mistoqsija jekk fil-proċess li wassal għall-għotja tal-konċessjoni kienx hemm il-Gvern ma' l-Awtorità, tikkonferma dan u tgħid li dan kien neċessarju minħabba x'kundizzjonijiet kienu ser jitpoġġew fil-liċenzja. Mistoqsija tgħid min iffirma l-ftehim ta' konċessjoni u l-allokazzjoni tal-liċenzja, tgħid li l-Awtorità ffirmat u ħarġet il-liċenzja.

In ri-eżami (*a fol.* 103 isfel) tgħid li hija l-Awtorità li tiddeċiedi jekk toħroġx il-liċenzja jew le jew jekk tirtirahiex jew le, ovvjament fil-mansjoni tal-liġi. Tispjega li s-sitwazzjoni ta' dan il-każ hija ftit aktar kumplessa minħabba li tinvolvi konċessjoni u liċenzjar li huma separati imma ovvjament fil-liġi hemm riferenza għat-tnejn li huma.

In kontro-eżami ulterjuri (*a fol.* 104) tgħid li ma setgħetx tingħata liċenzja mingħajr ma' wieħed jirbaħ il-konċessjoni. Tirrepeti wkoll li l-konċessjoni u l-liċenzja huma separati imma ma jistax ikollok waħda mingħajr l-oħra.

In kontro-eżami, li tkompla fis-seduta tas-17 ta' Ġunju 2016 (*a fol.* 118 *et seq.*), Dr. Edwina Licari tispjega l-karriera tagħha ma' l-Awtorità u tikkonferma li kienet preżenti f'ħafna mil-laqgħat li wasslu għall-għoti tal-konċessjoni. Tistqarr li ġeneralment l-Awtorità taġixxi b'mod indipendenti minkejja li għal-lotterija nazzjonali hemm xi ftit differenza. Tixhed li fl-Att prinċipali hemm dispożizzjonijiet dwar il-lotterija nazzjonali u hija ċara li liċenzja waħda tinħareġ mill-Awtorità u fiha l-istess bħal ma hemm għal-

*land-based casinos* li biex wieħed japplika għal-liċenzja jrid ikun konċessjonarju. Tkompli tispjega kif il-Gvern ħareġ *tender* wara li saru konsultazzjonijiet interni u tgħid li kien hemm differenza bejn il-proċess tal-konċessjoni u l-ħruġ tal-liċenzja. Dwar dak li ġie aġġudikat fil-konċessjoni tgħid li d-dokument kien ċar u ċioè li kienet qiegħda tingħata konċessjoni għal *"three national concession games u other games"* (*a fol.* 119). Tgħid li fil-liġi l-liċenzja hija miftuħa dwar x'tista' tkopri l-lotterija nazzjonali. Tgħid li l-liċenzja nħarġet minħabba li s-soċjeta' attriċi ngħatat il-konċessjoni u li bis-saħħa tal-konċessjoni s-soċjeta' attriċi setgħet tapplika għal-liċenzja u huma minn naħa tagħhom setgħu joħorġu l-liċenzja. Tikkonferma li fil-liċenzja hemm obbligu li s-soċjeta' attriċi kellha ssegwi l-kundizzjonijiet tal-konċessjoni u tispjega li jekk il-*licensee,* f'dan il-każ is-soċjeta' attriċi, ma tosservax il-kundizzjonijiet tal-konċessjoni waqt li fl-istess ħin tkun qed tosserva l-kundizzjonijiet tal-liċenzja jista' jkun li twassal għal sitwazzjoni fejn il-Gvern irid jieħu azzjoni fuq il-konċessjoni waqt li l-liċenzja tkun għada valida. Tisħaq li din hija r-raġuni għala huwa importanti li l-konċessjoni u l-liċenzja jridu jorbtu flimkien u bl-istess mod jekk l-Awtorità tkun trid tirtira l-liċenzja, il-Gvern irid ikun jista' jirtira l-konċessjoni. Tisħaq ukoll kif huma qatt ma riedu jkunu f'sitwazzjoni fejn tiġi rtirata l-liċenzja u l-konċessjoni tibqa' għaddejja u lanqas fl-invers.

Mistoqsija tgħid jekk il-liċenzja tal-lotterija nazzjonali hijiex maqsuma fi tnejn bejn in-*National Lottery Games* u *Additional Games* hija tikkonferma li t-*tender* kien stabbilixxa dan. Tgħid li l-Gvern kien responsabbli għat-*tender* għalkemm iktar 'il quddiem tgħid ukoll li huma kienu kkonsultati mill-bidu tal-proċess. Tispjega kif il-konsultazzjoni saret mill-*Privatisation Unit* u mill-Gvern u kif fis-sejħa kien diġa' ġie deċiż li ser ikun hemm distinzjoni bejn in-*National Lottery* u l-*Additional Games*. F'dan l-istadju l-Awtorità kienet diġa' ġiet ikkonsultata dwar il-pakkett li kien ser jinħareġ u tkompli tgħid kif l-Awtorità kienet kuntenta bil-klawsoli li kien hemm miktubin u allura li kellu jsir kien li kellha tiġi ffinalizzata l-konċessjoni u sussegwentement kienet tingħata l-liċenzja.

Mistoqsija tgħid jekk l-Awtorità ħarġitx liċenzja lis-soċjeta' intervenuta Gaming Operations Limited sabiex topera dak li l-

konċessjoni tiddefinixxi bħala *Additional Games*, wieġbet li ma taqbilx. Tgħid li l-liċenzja li għandha s-soċjeta' intervenuta hija regolata permezz ta' Avviż Legali li huwa l-*Gaming Devices Regulations* u l-liċenzja li tinħareġ taħt din il-liġi hija biex wieħed jopera ammont ta' *gaming devices* dedikati. Tgħid li taħt dan ir-reġim issir applikazzjoni għal numru ta' magni u *gaming parlour*, li l-magna tista' toffri aktar minn logħba waħda u tispjega differenza li jista' jkun hemm bejn il-konċessjoni u l-liġi fejn fil-konċessjoni tista' tinkludi *sports betting* bħala *Additonal Games* waqt li l-liġi ma tirregolax logħba speċifika. Tispjega wkoll li ma nħarġux regolamenti ġodda minħabba li dawn kien diġa' jeżistu qabel ma nħarġet il-konċessjoni. Tispjega kif hija tagħmel distinzjoni ċara li l-logħob li qed jiġi offrut lill-*gaming devices* ma jistgħux jiġu msejħa bħala *Additional Games* u huwa b'koinċidenza li fil-konċessjoni u li fil-liċenzja hemm *Additional Games* li jinkludu *sports betting.*

In <u>ri-eżami</u> (*a fol.* 127 *et seq.*) tikkonferma li l-liċenzja nħarġet lis-soċjeta' attriċi mill-Awtorità f'Ġunju 2012 waqt li l-Awtorità kienet taħt id-dekasteru tal-Ministeru tal-Finanzi u li mill-10 ta' Mejju 2016 ġiet taqa' taħt Ministru ieħor. Tikkonferma li kienu ġew ikkonsultati qabel ma nħareġ it-*tender document* pero' ma tafx jekk kienx hemm xi involviment tal-Awtorità waqt l-evalwazzjoni.

In <u>kontro-eżami ulterjuri</u> (*a fol.* 129 *et seq.*) tgħid li waqt in-negozjati hi kienet tirrapreżenta lill-Awtorità u dejjem żammet indipendenza minkejja li kien hemm xi lmenti dwar dan. Tixhed: *"Aħna dejjem għidna li l-liċenzja hija separata bħala dokument għax lanqas biss għandkom tiffirmaw għaliha għax tinħareġ minn Awtorità u l-concession hija differenti għax qed tingħata mill-Gvern."* (*a fol.* 129).

In <u>kontro-eżami</u>, li tkompla fis-seduta tat-8 ta' Lulju 2019 (*a fol.* 396 *et seq.*), Dr. Edwina Licari tikkonferma li għall-għoti ta' din il-konċessjoni kienu saru numru ta' laqgħat bejn il-partijiet, liema laqgħat saru kemm qabel ma nħarġet is-sejħa kif ukoll wara li nħarġet is-sejħa b'mod illi b'kollox kienu damu għaddejjin xhur. Tixhed li hija attendiet għal dawn id-diskussjonijiet flimkien ma' numru ta' kollegi tagħha u kif id-diskussjonijiet kienu wkoll dwar xi drittijiet u x'logħob kienu ser jingħataw lis-soċjeta' attriċi b'dan

illi l-konċessjoni kellha tkun ta' għaxar snin fejn is-soċjeta' attriċi kienet ser tingħata liċenzja għal tliet logħbiet. Tgħid kif huma setgħu joħorġu liċenzja biss lil minn kellu l-konċessjoni u li minħabba dan il-fatt it-taħditiet kienu jsiru b'mod parallel. F'dan ir-rigward tgħid li l-*Grand Lottery, is-Super 5* u l-Lottu setgħu jitħaddmu b'esklussivita'. Fir-rigward tal-*Additional Games* tgħid li dawn setgħu jiġu operati taħt il-liċenzja bi ftehim fuq ir-regoli u x'tip ta' taxxa jħallsu li kienu joħorġu mil-liċenzja stess. Minħabba dan, meta l-Gvern u l-Awtorità għamlu dan il-pakkett kienu ddeċidew li joħorġu n-*National Lottery* taħt esklussivita' waqt li l-konċessjonaru seta' jopera *Additional Games* u kien hemm stipulat x' tip ta' taxxa kellha titħallas. Tikkonferma li l-*Additional Games* ma kienux taħt esklussivita' u kien ser ikun hemm suq miftuħ.

Għad-domanda jekk fis-sena 2012 kienx hemm logħob ieħor fis-suq, twieġeb fl-affermattiv u bħala eżempju ssemmi l-*bingo halls* u tgħid li dawn kienu inklużi fl-*Additional Games* taħt il-liċenzja tas-soċjeta' attriċi. Tixhed li t-tip ta' logħob eżistenti huwa vast u ssemmi l-*online gaming* fejn fost l-oħrajn hemm *sports betting, bingo,* lottu, *casino games, video lotteries*. Tispjega li l-liġi hija miftuħa biżżejjed sabiex meta tiġi riċevuta applikazzjoni minn operatur huwa jkun jista' jopera ġo Malta u kif ukoll ġewwa pajjiżi oħra u juża lil Malta bħala bażi. Tgħid li kien hemm ukoll il-*Gaming Device Regulations* u n-*National Lottery*.

Tkompli tispjega kif fis-sena 2003 kienu nħarġu regolamenti dwar *remote gaming* li kienu jippermettu li ċertu logħob jintlagħab minn Malta u jiġi offrut barra minn Malta mingħajr distinzjoni fit-territorju. Tixhed li waqt id-diskussjoni kienet qamet kwistjoni dwar x'jiġri jekk tinbidel il-liġi waqt dawn l-għaxar snin u tgħid li l-biża' tas-soċjeta' attriċi kienet iċċentrata fuq dwar jekk il-Gvern jgħaddi xi liġi li timpatta l-esklussivita' tat-tliet logħbiet u tgħid li l-Awtorità ma setgħet qatt tagħti dawn l-assigurazzjonijiet minħabba li hija ma toħroġx il-liġi. Issemmi li kien hemm diskussjoni dwar il-fatt li s-soċjeta' attriċi kienet tgħid li seta' kellha esklussivita' fuq l-i*sports betting*. Tixhed li f'dan ir-rigward id-direzzjoni ġenerali li kien hemm kienet li kellu jiġi ċċarat li ma kienx hemm esklussivita' fuq dawn iżda l-esklussivita' kienet biss fuq it-tliet logħbiet. Għad-

domanda jekk kienx hemm logħob ieħor waqt l-ewwel liċenzja, tispjega li kien hemm numru ta' logħob u ssemmi li l-*online gaming* huwa vast ħafna. Fir-rigward tar-relazzjoni ma' tal-banek tal-lottu tgħid li sabiex jiġu liċenzjati dawn kellu jkollhom ftehim mal-konċessjonarju u setgħu joffru l-logħob li ġie liċenzjat lilha.

Dwar it-tħassib tas-soċjeta' attriċi relatat mal-possibbilita' ta' tibdil fil-liġi, tispjega li huma kienu trasparenti mas-soċjeta' imsemmija peress li kien hemm diġa' il-ħsieb li jsir *overhaul* tal-liġijiet sabiex dawn jitjiebu u allura l-Gvern ma seta' qatt jintrabat. Tixhed li l-aktar li setgħu joffru kien li tingħata offerta ta' perjodu ta' żmien fejn jekk ikun hemm impatt mil-lat ta' taxxa jkun hemm perjodu ta' tranżizzjoni u wara jkunu jistgħu joffru l-*Additional Games* taħt reġim ieħor. Dwar l-intenzjoni wara dan il-kompromess tispjega li dan kellu jagħti biżżejjed żmien lis-soċjeta' attriċi tottempera ruħha mar-reġim legali l-ġdid.

In ri-eżami (*a fol.* 401 *et seq.*) Dr. Edwina Licari tgħid li f'Ġunju 2018 kienet telqet minn ma' l-Awtorità u li sa dak in-nhar kienet tkopri r-rwol ta' *General Counsel*. Mistoqsija xi rwol kellha meta ġiet innegozjatha l-liċenzja bejn Marzu u Ġunju 2012 tgħid li jidhrilha li sa dak iż-żmien kienet diġa' *Director Legal* (*Legal and International Affairs*). Tgħid li hija daħlet ma' l-Awtorità fis-sena 2008 u li ma kinitx involuta fl-ewwel liċenzja. Mistoqsija tgħid jekk bejn is-sena 2004 u s-sena 2012 il-logħob kollu liċenzjat u operat mis-soċjeta' attriċi kienx operat fuq bażi ta' esklussivita', tispjega li t-tliet logħbiet kienu żgur u tinsisti li d-distinzjoni bejn it-tliet logħbiet u l-*Additional Games* minn dejjem kienet teżisti u li fit-tieni *tender* ma kienx hemm esklussivita' fil-każ tal-*Additional Games*.

Tikkonferma li d-dritt li joperaw l-*Additional Games* jinsab fl-istess liċenzja u mistoqsija tgħid jekk ir-reġim il-ġdid daħalx fis-seħħ, tikkonferma li l-*overhaul* seħħ. Fuq mistoqsija jekk ir-reġim li kienu tkellmu waqt in-negozjati u li minħabba fih daħlet klawsola bin-numru tlettax (13) daħalx fis-seħħ, tispjega li ma tistax tgħid kinitx espressament għal *gaming overhaul* minħabba li skont hija l-klawsola kienet tirreferi għal reġim ġdid u dan jinkludu regolamenti ta' *amusement machines* u tal-*gaming devices*. Tgħid dan minħabba li l-

klawsola ma hijiex *game specific* u b'hekk ma setgħetx twieġeb jekk il-*gaming overhaul* kinitx tirreferi għal dik li ġiet wara. Fuq mistoqsijiet ulterjuri, tispjega li l-*Additional Games* diġa' kien hemm liġijiet oħra li jirregolawhom f'*land-based* u fl-*online* u f'dan ir-rigward tispeċifika li hija kienet qed tirreferi għal *bingo* li tiġi offruta kemm *online* u f'*bingo hall* u f'dan ir-rigward ma jistax jingħad li s-soċjeta' attriċi kellha xi esklussivita'.

Mistoqsija ulterjorment jekk tistax tikkonferma jekk ir-reġim maħsub taħt l-artikolu daħalx fis-seħħ, Dr. Licari tispjega li meta kien qed jiġi nnegozjat il-kuntratt is-soċjeta' attriċi diġa' kienet taf li kien hemm logħob li qed jiġi offrut fis-suq fil-qasam tal-*Additional Games* taħt id-diversi kampijiet tal-liġijiet differenti. Tgħid li huma fehmu li kien hemm tħassib li setgħet tinħareġ xi liġi ġdida li timpatta fuq l-esklussivita' tagħhom fuq it-tliet logħbiet u f'dan ir-rigward tgħid li l-pożizzjoni kienet li l-Gvern ma setax jintrabat. Tkompli tispjega li fuq l-*Additional Games* ġie maqbul li, jekk il-Gvern joħroġ liġi, is-soċjeta' attriċi jkollha tottempera ruħha filwaqt li jkollha perjodu tranżitorju għal dan.

Mistoqsija tgħid min kien liċenzjat f'Malta meta s-soċjeta' attriċi nħarġitilha liċenzja *land-based* biex topera *Additional Games,* issemmi l-Bingo Limited, l-Fairplay u oħrajn li kienu fuq l-*internet*. Tinsisti wkoll li meta kien qed jiġi nnegozjat il-kuntratt kien hemm operaturi oħra li kienu *land-based* u joffru *Additional Games*. Fuq mistoqsija dwar min kien joffri *sports betting* tgħid li kien hemm il-*Gaming Device Regulations*, kien hemm il-ħwienet, *slot machines*. Għad-domanda fejn seta' imur wieħed fis-sena 2012 meta ġie ffirmat il-kuntratt jekk ried jilgħab fuq futbol jew fuq iż-żwiemel, twieġeb: *"Ma nistax nikkonferma mill-memorja għax irrid nara meta kien hemm ir-rikjesta u meta ħriġna l-permess"* (*a fol.* 408). Tgħid li meta ġew imfasslia l-*Gaming Devices Regulations* id-definizzjoni kienet tant ampja li jekk magna tissodisfa l-kriterji tista' tiġi approvata b'kull tip ta' logħba. Tixhed li kien hemm diġa' operaturi Maltin li kienu qed joffru s-servizzi tagħhom barra minn pajjiżna u jużaw liċenzja ġewwa pajjiżna biex jiftħu ħwienet. Tispjega li kien hemm biża' li jekk jiġi operatur barrani huma jiġu attakkati jekk ma jħalluħx jopera u li għalhekk riedu jkunu f'pożizzjoni li jekk jiġi

operatur barrani jkun jista' jopera anke fuq *sports betting* basta jobdi l-liġijiet. Tkompli tispjega li f'dak iż-żmien kienu jgħidu li kif kienu r-regolamenti tal-*gaming devices* jekk jiġi xi ħadd u jitlob li jpoġġi numru ta' magni ta' kull logħba jkun jista' basta jissodisfa r-rekwiżiti.

Mistoqsija x'tifsira għandha klawsola bin-numru tlettax (13) tispjega li t-tifsira hija li jekk il-Gvern iħoss il-bżonn li jilleġisla, l-Awtorità tiġi kkonsultata. Għad-domanda: *"Jiġifieri kull tip ta' bidla kienet tinqabad fit-13?"* (*a fol.* 409), wieġbet: *"Le additional regime tgħidlek. A new regime. Xi ħaġa differenti"* (*a fol.* 409). Tikkonferma li l-*overhaul* daħal fis-seħħ fis-sajf tas-sena 2018 pero' ma setgħetx tikkonferma jekk it-tmintax (18)-il xahar ingħatawx lis-soċjeta' attriċi minħabba li hija kienet telqet minn ma' l-Awtorità. Mistoqsija jekk il-magni taħt il-*gaming devices* għandhomx dak li huwa magħruf bħala *Random Number Generator* tgħid li mhux bilfors minħabba li d-definizzjoni hija vasta ħafna għal kull tip ta' magna. Tikkonferma li *laptop* jista' jkun ukoll *gaming device* u li dejjem ser ikun hemm kwistjonijiet fuq l-integrita' tal-magna. Tgħid li ma setgħetx tidħol fuq x'tip ta' ċertifikazzjoni kien hemm bżonn minħabba li ma kienx l-uffiċju tagħha. Meta ġiet mistoqsija dwar l-interpretazzjoni legali tgħid li l-ewwel kien ikun hemm test jekk il-liġi tippermettix dan il-logħob imbagħad wara l-kwistjoni tgħaddi fuq punti tekniċi.

Tiftakar diskussjonijiet fuq klawsola bin-numru tlettax (13) u tiftakar li l-kliem li ntqal kien li jekk hemm reġim ġdid ser ikun hemm perjodu tranżitorju. Mistoqsija tgħid jekk tiftakarx diskors rigward jekk tinħareġ liġi ġdida l-liċenzja titpoġġa taħt il-liġi l-ġdida, tgħid li tiftakar diskors bħal dan u f'dak il-każ jingħata perjodu ta' tranżizzjoni.

Illi, fl-20 ta' April 2016, ġie ppreżentat affidavit ta' **Vasileios Kasiotakis** (Kap Eżekuttiv ta' Maltco Lotteries Limited – *a fol.* 110 *et seq.*) fejn jispjega li huwa kien parti mit-*team* li b'suċċess implimenta l-liċenzja tal-lotterija nazzjonali f'Malta, kemm fis-sena 2004 kif ukoll fis-sena 2012. Jispjega kif kienu strutturati l-proċessi li wasslu għall-għotja tal-konċessjoni fis-sena 2004 u fis-sena 2012. Jgħid li

kien hemm proċess wieħed u numru ta' negozjati u li żewġ dokumenti ġew iffirmati fl-istess ħin fis-27 ta' Ġunju 2012 u dan kollu sar wara xhur ta' diskussjonijiet bejn is-soċjeta' attriċi u persuni li jokkupaw pożizzjoni għolja fi ħdan il-Ministeru tal-Finanzi (u l-*Privatisation Unit* li kienet taqa' taħtu) u dak li llum hija l-Awtorità Maltija dwar il-Logħob. Jgħid li jaqbel ma' dak li wieġbet Dr. Edwina Licari meta xehdet fis-seduta tal-24 ta' Frar 2016 meta qalet li l-proċess kien wieħed u li ma setgħetx tinħareġ liċenzja mingħand l-Awtorità Maltija dwar il-Logħob mingħajr ma l-offerent preferut jirbaħ il-konċessjoni mill-Ministeru tal-Finanzi. Jispjega r-raġunijiet wara din il-kawża u jgħid li din il-kawża hija marbuta ma' avvenimenti li wasslu għal żvilupp fis-suq Malti fejn operaturi terzi li tħallew joperaw fis-suq ta' dak li l-konċessjoni ssejħilhom bħala *Additional Games* u jisħaq li dan huwa bi ksur kemm tal-konċessjoni kif ukoll tal-liċenzja u li huwa f'dan il-kuntest li l-Awtorità Maltija dwar il-Logħob u l-Ministeru tal-Finanzi ssemmew bħala konvenuti f'din il-kawża. Jilmenta li, tenut kont ta' kif kienu mqassma d-dekasteri waqt il-firma tal-konċessjoni u kif inhuma llum meta nqasmu fi tnejn, ma jistax jifhem kif ħaġa tant sempliċi qiegħda tiġi kkontestata miż-żewġ Ministeri u li l-unika spjegazzjoni li qed isib hija li dawn qegħdin jippruvaw joħolqu kemm jista' jkun ostakli proċedurali sabiex ma jiġix diskuss minnufih il-mertu tal-każ u b'hekk tonqos l-effettivita' ta' rimedji li jista' jingħatalhom.

In <u>kontro-eżami</u>, li sar fis-seduta tad-29 ta' Novembru 2016 (*a fol.* 138 *et seq.*), fuq mistoqsija dwar jekk riferenzi fl-affidavit tiegħu għal Ministeru tal-Finanzi riedx ifisser il-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u l-Investiment, jikkonferma li huwa kien qed jirreferi għal Ministeru tal-Finanzi minħabba li f'dak iż-żmien dik kienet l-istruttura tal-Ministeru. Mistoqsi jgħid jekk jistax jippreżenta kopja tal-konċessjoni jgħid li jista' jippreżenta l-firma tal-Ministru tal-Finanzi ta' dak iż-żmien minħabba li l-konċessjoni hija konfidenzjali.

Illi, fl-4 ta' Ottubru 2017, ġie ppreżentat affidavit ieħor ta' **Vasileios Kasiotakis** (*a fol.* 176 *et seq.*) fejn qal li ilu jaħdem ma' Maltco u Intralot Group (li Maltco tifforma parti minnha) sa mis-

sena 2003. Jgħid li huwa kien parti mit-*team* imqabbad minn Intralot fil-proċess għall-għotja tal-liċenzja tal-Lotterija Nazzjonali u li wara li ntrebħet is-sejħa saru diskussjonijiet mal-Gvern. Jispjega li s-soċjeta' attriċi fetħet din il-kawża sabiex tipproteġi d-drittijiet tagħha skont ma hemm fil-ftehim tal-konċessjoni u jgħid li meta l-Awtorità awtorizzat sabiex terzi joffru dak li l-kuntratt ta' konċessjoni jfisser bħala *Additional Games*, l-Awtorità kisret it-termini tal-liċenzja b'mod illi l-Gvern naqas mill-obbligi kuntrattwali tiegħu. Jgħid li huwa inkredibbli kif fir-Risposta tagħha l-Awtorità tgħid li ma assenjatx id-drittijiet li fil-fatt għaddiet lis-soċjeta' attriċi u li r-reġim regolatorju dwar l-*Additional Games* kien diġa' fis-seħħ meta nħarġet il-liċenzja u ngħatat il-konċessjoni. Jisħaq li dan huwa kompletament mhux minnu jew inkella l-Gvern aġixxa b'rieda ħażina meta qarraq bis-soċjeta' attriċi billi ntrabat għal xi ħaġa li kien jaf li kienet mhux minnha jew inkorretta.

Jikkonferma li fis-sena 2012 ma kien hemm l-ebda reġim li kien jirregola l-awtorizzazzjoni u l-operat ta' dak li l-konċessjoni tfisser bħala *Additional Games* u jispjega li bħala stat ta' fatt il-Gvern ħareġ liċenzja għall-*Additional Games* li jiġu operati mis-soċjeta' attriċi kemm fis-sena 2004 kif ukoll fis-sena 2012 u dana bħala anness taħt il-liċenzja tal-lotterija nazzjonali. Jispjega li dan sar minħabba li ma kien hemm l-ebda reġim regolatorju ieħor għajr għal dak fil-*Lotteries and Other Games Act*. Ikompli jgħid li ma kien hemm l-ebda reġim li jirregola l-ħruġ ta' liċenzji dwar logħob, ġugaturi, *stakes/odds* eċċ u jgħid li dan il-fatt ġie rikonoxxut mill-Gvern f'kull stadju tan-negozjati waqt is-sejħa għall-offerti u fl-istess liċenzja tal-lotterija nazzjonali u l-istess konċessjoni. Jispjega li s-soċjeta' attriċi qatt ma ppretendiet esklussivita' fl-operat tagħha f'Malta għal dak li jikkonċerna l-*Additional Games* u jgħid li bil-kontra hija ntalbet sabiex tagħraf li fi kwalsiasi stadju waqt il-perjodu tal-konċessjoni l-Gvern/l-Awtorità kellhom il-prerogattiva li jiftħu s-suq għall-*Additional Games* billi jiġi maħluq reġim regolatorju. Jgħid li l-monopolju li kellha taħt il-konċessjoni tas-sena 2012 kien b'koinċidenza sakemm ir-reġim il-ġdid li kellu jilliberalizza s-suq jiġi ppromulgat u sabiex isostni dan jikkwota intervista li saret lis-soċjeta' intervenuta f'din il-kawża.

Kasiotakis jispjega li fl-industrija tal-ażżard ma hemmx suq mingħajr liġi u għajr għar-reġim li rregola l-lotterija nazzjonali ma kien hemm l-ebda reġim li kien jippermetti li jiġu liċenzjati operaturi oħra fis-settur. Jikkonferma li dan kien ukoll il-ħsieb tal-Awtorità sakemm ma biddlet ħsiebha u jilmenta li l-Awtorità minn jeddha ddeċidiet li twarrab dak li ġie maqbul taħt il-konċessjoni bil-pretest li kien hemm liġi u jsemmi il-*Gaming Devices Regulations* (Leġislazzjoni Sussidarja 438.07 tal-Liġijiet ta' Malta) li kienet tippermetti li joħorġu tali liċenzja lil terzi. Jixhed li din il-liġi kienet tapplika għal-logħob kompletament differenti minħabba li kienet tapplika għal magni tal-logħob li kien jaħdmu b'mekkaniżmi li kienu jipproduċu *Random Number Generator* u għaldaqstant jgħid li dwar il-fatt li fil-liċenzja ġew inklużi l-*Additional Games* wieħed irid jifhem li r-reġim regolatorju li kien fis-seħħ fis-sena 2012 u li kien għadu fis-seħħ sal-ġurnata li fiha kien qed jixhed, minn barra l-għotja tal-liċenzja tal-lotterija nazzjonali, ma kien hemm xejn x'jirregola l-*Additional Games*.

Jiftakar b'mod ċar li l-Gvern u l-Awtorità kienu qalu li minħabba li ma kienx hemm reġim regolatorju li jippermetti li jinħarġu liċenzji għall-*Additional Games* li l-unika mod li bih seta' ikun hemm kontinwita' fl-operat ta' dawn il-logħob kien li jiġu nklużi fil-liċenzja tal-lotterija nazzjonali u jispjega li dan kien rifless fid-dokument tat-*tender*. Ikompli jgħid li sakemm ma jinħariġx reġim regolatorju ġdid l-unika mod biex jiġi regolat dan il-logħob kien biss permezz tal-liċenzja tal-lotterija nazzjonali u jisħaq li din il-pożizzjoni ġiet ikkomunikata lilhom ripetutament mit-*team* tal-Gvern. Jgħid li l-partijiet kienu wkoll innegozjaw kif kellha tidħol fis-seħħ l-eventwali liġi ġdida u jispjega li r-riżultat finali ta' dawn in-negozjati jinsabu nklużi fid-dokument tal-konċessjoni u ċioè li s-soċjeta' attriċi tirrikonoxxi li waqt it-terminu tal-liċenzja l-Gvern seta' jiftaħ is-suq għall-*Additional Games* iżda huwa kellu jpoġġi lis-soċjeta' attriċi f'kundizzjoni li ma kinitx anqas favorevoli minn dawk li kienet kisbet taħt il-liċenzja nazzjonali meta jittrasponi l-liċenzja taħt ir-reġim il-ġdid u li s-soċjeta' attriċi ngħatat perjodu ta' tranżizzjoni ta' tmintax (18)-il xahar. Eżebixxa bħala Dok. "C 1" sa "C 3" (*a fol.* 181 *et seq.*) kopja ta' korrispondenza li saret bejn is-soċjeta' attriċi u l-Awtorità fejn is-soċjeta' attriċi kkjarifikat il-

pożizzjoni tagħha dwar il-fatt li terzi kienu qed joffru mħatri dwar sports u tlielaq.

Illi, fit-12 ta' Ottubru 2016, ġie ppreżentat affidavit ta' **Reuben Portanier** (*a fol.* 133 *et seq.*) fejn jispjega li kellu l-kariga ta' Kap Eżekuttiv tal-*Lotteries and Gaming Authority* illum il-*Malta Gaming Authority*. Jgħid li l-Awtorità kienet toħroġ fost l-oħrajn liċenzji lill-operaturi tal-logħob ta' l-ażżard *online* u l-lotterija nazzjonali. Jixhed kif lejn l-aħħar kwart tas-sena 2011 il-Gvern kien iddeċieda li jippubblika sejħa għall-offerti peress li l-liċenzja oriġinali tal-lotterija nazzjonali kienet tiskadi matul is-sena 2012 u jgħid li l-mod kif kienet mibnija s-sejħa kien għotja ta' konċessjoni għal għaxar (10) snin flimkien ma' liċenzja tal-operazzjoni tal-Lotterija Nazzjonali maħruga u ffirmata minnu bħala Kap Eżekuttiv tal-Awtorità. Jispeċifika li minkejja li huwa kien involut fil-proċess, l-Awtorità kienet biss responsabbli għall-għoti tal-liċenzja filwaqt li l-proċess tal-konċessjoni kien immexxi mill-Ministeru tal-Finanzi permezz tal-*Privatisation Unit*. Jgħid: *"Niftakar illi l-liċenzja in kwistjoni kienet fost l-affarijiet l-oħrajn tilliċenzja dawk illi kienu magħrufa bħala n-National Lottery Games (Super 5, Lottu u Grand Lottery) kif ukoll dawk li kienu magħrufa bħala l-Additional Games (fosthom sports betting, Keno u scratch cards)"* (*a fol.* 133 u 134). Jixhed li b'differenza mill-ewwel konċessjoni tas-sena 2004, fis-sena 2012 il-Gvern ma nkludiex garanzija ta' esklussivita' fuq il-logħob kollu u li dan kien ċar kemm fit-*tender* kif ukoll fil-liċenzja b'dana li l-esklussivita' kienet garantita biss għan-*National Lottery Games*, jiġifieri s-Super 5, il-Lottu u l-*Grand Lottery*. Għalhekk jgħid li l-Gvern żamm ferm id-dritt li matul l-għaxar snin tal-konċessjoni huwa jiftaħ is-suq fl-logħbiet simili għal dawk li l-konċessjoni tfisser bħala *Additional Games* billi jagħmel liġi li biha jiftaħ is-suq.

Illi, fit-12 ta' Ottubru 2016, ġie ppreżentat affidavit ta' l-**Onorevoli Anthony sive Tonio Fenech** (*a fol.* 135 *et seq.*) fejn jispjega li huwa kien Ministru tal-Finanzi bejn is-snin 2008 u 2013 u li f'dak iż-żmien huwa kellu taħt ir-responsabilita' tiegħu l-*Lotteries and Gaming Authority*, illum il-*Malta Gaming Authority*. Jgħid li bejn is-sena 2004 u s-sena 2012 wara sejħa għall-offerti ġie deċiż mill-Gvern li l-lotterija nazzjonali kellha tiġi operata bejn is-snin imsemmija b'mod

esklussiv mis-soċjeta' attriċi u li meta kien wasal iż-żmien li tagħlaq il-liċenzja l-Gvern iddeċieda li jiftaħ sejħa kompetittiva oħra minflok ma jestendi l-kuntratt u li wara negozjati ntagħżlet l-offerta tas-soċjeta' attriċi u konsegwentement ġie iffirmat il-*concession agreement* u nħarġet il-liċenzja għal għaxar snin mis-sena 2012. Itenni li kif il-Gvern struttura l-proċess il-konċessjoni u l-liċenzja kellhom jingħataw lill-istess entita' li tkun ingħażlet u jkompli jgħid li fis-sena 2012, b'differenza mill-ewwel konċessjoni, il-Gvern ma tax lill-konċessjonarju dritt ta' esklussivita' fuq il-logħob kollu u li l-esklussivita' ingħatat biss fir-rigward tan-*National Lottery Games* waqt li fir-rigward ta' dawk il-logħbiet li kienu deskritti bħala *Additional Games* il-Gvern u l-Awtorità setgħu jiftħu s-suq. Jgħid ukoll li l-Gvern u l-Awtorità kienu ntrabtu kif kellu jseħħ dan il-ftuħ u jikkonferma li kellhom jinħarġu liġijiet u li s-soċjeta' attriċi kellha tingħata żmien ta' tranżizzjoni ta' tmintax (18)-il xahar sabiex tadegwa ruħha. Il-kundizzjonijiet fil-liġi ma kellhomx ikunu aktar iebsa minn dawk fil-liċenzja.

In kontro-eżami, li sar fis-seduta tal-1 ta' Frar 2017 (*a fol.* 152 *et seq.*), jikkonferma li n-nomenklatura uffiċjali tiegħu bejn is-sena 2008 u s-sena 2013 kienet dik ta' Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment. Jgħid li bejn is-sena 2004 u s-sena 2007 is-settur tal-logħob kien ukoll fid-dekasteru tal-finanzi. Jispjega li meta f'Ġunju 2012 is-Segretarju Permanenti ffirma l-konċessjoni huwa kien qed jagħmel hekk f'isem il-Gvern u mhux f'isem il-Ministeru tal-Finanzi u fl-aħħar jgħid li s-Segretarju Permanenti li ffirma kien is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Finanzi.

Illi, fl-10 ta' Novembru 2017, ġie ppreżentat affidavit ta' **Emanuel Ellul** (*a fol.* 187) fejn spjega li bejn Ġunju tas-sena 2000 u Ġunju tas-sena 2013 kien ic-*Chairman* tal-*Privatisation Unit* fi ħdan il-Ministeru tal-Finanzi b'responsabilita' għall-privatizzazzjoni ta' diversi entitajiet pubbliċi. Jgħid li kien involut fil-proċess li fis-sena 2004 wassal għall-għotja ta' l-ewwel liċenzja lis-soċjeta' attriċi u li taħt dik il-liċenzja s-soċjeta' attriċi kellha l-esklussivita' tal-logħob li kien liċenzjat taħt dik l-istess liċenzja u li meta skadiet din il-liċenzja sar proċess kompetittiv ieħor u s-soċjeta' attriċi ngħatat liċenzja ġdida. Ikompli jgħid li taħt il-liċenzja l-ġdida tas-soċjeta' attriċi kien hemm

distinzjoni bejn il-logħob imsejjaħ *National Lottery Games* (li huma l-*Grand Lottery*, is-*Super 5* u s-*Saturday Lotto*) u logħob ieħor definit bħala *Additional Games*. Jixhed li taħt ir-reġim il-ġdid, is-soċjeta' attriċi ngħatat esklussivita' fuq in-*National Lottery Games* imma minkejja li ngħatat liċenzja għall-*Additional Games* ma ngħatatx esklussivita' u jgħid li s-suq għall-*Additional Games* seta' jinfetaħ għall-operaturi oħra fi kwalunkwe żmien. Jiftakar li l-Gvern kien għamel distinzjoni netta bejn in-*National Lottery Games* u l-*Additional Games* minħabba li ried jerġa' joħroġ dawn għall-aħjar offerta wara li tiskadi l-liċenzja viġenti u li l-Gvern kien irreġistra l-proprjeta' intellettwali fuq dawn il-logħob sabiex ikun jista' jagħmel dan.

Illi, fl-10 ta' Novembru 2017, ġie ppreżentat affidavit ta' **Mary Victoria Wilson** (*a fol.* 188 *et seq.*) fejn tispjega li bejn is-sena 2001 u s-sena 2013 hija kienet tokkupa l-kariga ta' *Transaction Manager* fi ħdan il-*Privatisation Unit*. Tagħti ċertu dettall fuq il-proċess li wassal għall-privatizzazzjoni tas-settur tal-logħob tal-ażżard u kif għall-ewwel konċessjoni ntgħażlet is-soċjeta' Intralot li bdiet topera permezz tas-soċjeta' attriċi. Tgħid li l-*Privatisation Unit* ma kienx involut fil-proċess ta' regolamentazzjoni jew superviżjoni tas-settur u tikkonferma li bħala *unit* reġgħu kienu nvoluti minn naħa tal-Gvern qrib l-iskadenza ta' dik il-liċenzja sabiex flimkien mal-Awtorità jintgħażel operatur għal għaxar (10) snin. Tixhed li fit-tieni proċess reġgħet intgħażlet is-soċjeta' attriċi għax kellhom l-aqwa offerta finanzjarja li kienet ta' 39.1 miljun Euro u wara dan bdew id-diskussjonijiet li wasslu għall-iffirmar tal-kuntratt. Tiftakar li mill-pariri legali li kienu ħadu, il-Gvern ma kellux liġi li fuqha seta' jilliberalizza s-settur biss pero' ir-rieda tal-amministrazzjoni kienet li kellu jinżamm id-dritt li dan isir u tispjega li s-soċjeta' attriċi ma ngħatatx esklussivita' ħlief fuq il-logħbiet tal-lotterija nazzjonali. Tgħid li l-*Privatisation Unit* u l-Awtorità kellhom l-għan li jiggarantixxu li l-Gvern seta' jilliberalizza s-settur waqt it-terminu tal-konċessjoni u tispjega kif fit-termini tal-liċenzja kien hemm inkluż il-bilanċ li kien intlaħaq fejn il-Gvern kien irriżerva d-dritt li jilliberalizza s-settur tal-*Additional Games*. Tgħid li l-kompromess li ntlaħaq ma kienx faċli tant u kien jiggarantixxi li l-logħob tal-i*sports betting* kellu jkompli jiġi mogħti f'Malta mis-soċjeta' attriċi sakemm il-Gvern ma kienx

jintroduċi reġim li jippermetti li jiġi liberalizzat is-settur. Tgħid ukoll li dan il-kompromess kien wassal sabiex l-*Additional Games* jidħlu fil-liċenzja tal-lotterija nazzjonali iżda minn naħa l-oħra s-soċjeta' attriċi kellha tiggarantixxi li hija tirrikonoxxi li l-Gvern seta' jiftaħ is-settur tal-*Additional Games* u dan mingħajr ebda kumpens. Tgħid li dan ta' l-aħħar intalab minkejja li kien diġa' jirriżulta b'mod ċar mid-dokument tas-sejħa.

Tikkonferma li minn naħa tagħha l-Awtorità kienet intrabtet li mhux tiftaħ is-suq bl-addoċċ iżda kellha timxi b'mod strutturat billi l-ewwel toħroġ liġi li tiftaħ u toħloq is-suq u wara li tiġi ppromulgata l-liġi, l-*Additional Games* kellhom jitneħħew minn fuq il-liċenzja tal-konċessjoni u kellha tinħareġ liċenzja oħra. Tiftakar li s-soċjeta' attriċi kienet ingħatat ukoll perjodu ta' tranżizzjoni sabiex taddatta għar-regolament il-ġdid.

Fl-aħħar tgħid: *"Intqal lili wkoll illi l-MGA tgħid li l-liċenzjar/approvazzjoni qed isir taħt il-Gaming Devices Regulations li suppost jirregolaw il-magni tal-logħob tal-ażżard"* (*a fol.* 191). Tispjega kif meta kien għaddej il-proċess ta' privatizzazzjoni oriġinali s-suq tal-magni tal-ażżard kien inqasam mis-suq tal-banek tal-lottu. Tgħid li meta ġew għat-tieni liċenzja, meta tkellmu fuq *Additional Games* dawn, bħal per eżempju *sports betting*, setgħu jinbiegħu biss mis-soċjeta' attriċi sakemm tgħaddi l-liġi u li s-soċjeta' attriċi qatt u fl-ebda waqt ma setgħu joġġezzjonaw li tali liġi tgħaddi u jinfetaħ is-suq sabiex jibdew jinbiegħu minn kompetituri tagħhom. Tgħid li din kienet il-pożizzjoni tal-avukati tagħhom kif ukoll tal-Awtorità u li l-magni tal-logħob tal-ażżard ma kellhom assolutament l-ebda rilevanza għal dak li kienet qed titkellem dwaru.

Illi, fit-8 ta' Jannar 2018, ġie ppreżentat affidavit ta' **Georgios Kakouras** (*a fol.* 194 *et seq.*) fejn jibda billi jgħid li huwa direttur tas-soċjeta' attriċi li hija l-konċessjonarju esklussiv f'Malta għal-lotterija nazzjonali. Jispjega r-rwol tiegħu fil-proċess li wassal għall-għotja tal-konċessjoni in kwistjoni u jgħid li kien preżenti għal kull laqgħa li saret bejn il-partijiet u kien konxju tar-rekwiżiti regolatorji li riedet tissodisfa s-soċjeta' attriċi fl-implimentazzjoni ta' din il-konċessjoni. Jgħid li huwa konxju tar-raġunijiet wara din il-kawża

u jistqarr li s-soċjeta' attriċi qatt ma qalet li hija ngħatat xi dritt esklussiv li topera logħob għajr għal dak li fil-liċenzja tal-konċessjoni huma msemmija bħala *National Lottery Games* li fil-liċenzja jgħid ġie speċifikat li kienu: *"Grand Lottery, Super 5 and Lotto"* (*a fol.* 195).

Jispjega li permezz tat-*tender* tas-sena 2012 il-Gvern Malti ried jagħti drittijiet esklussivi għall-operat tan-*National Lotteries Games* għal għaxar (10) snin u li l-Gvern ried jagħti kontinwita' ukoll lil dawk il-logħob li ma kienux jaqgħu taħt id-definizzjoni ta' *National Lottery Games*, bħal *sports betting*. Jispjega kif fis-sena 2004 meta ġie pprivatizzat id-Dipartiment tal-Lottu Pubbliku ġiet ippromulgata l-liġi neċessarja u s-soċjeta' attriċi rebħet l-ewwel liċenzja tan-*National Lottery* u jgħid li l-Gvern ikkonċeda liċenzja esklussiva fuq il-logħob kollu li f'dak iż-żmien kien jinkludi wkoll l-i*sports betting*. Jgħid li f'Malta ma kienx hemm u għad ma hemm l-ebda liġi li tirregola logħob bħal *sports betting* u għalhekk il-Gvern inkluda kollox taħt liċenzja waħda u b'hekk is-soċjeta' attriċi ngħatat liċenzja waħda li tinkludi l-logħob kollu. Jistqarr li kien ċar ħafna li fit-tieni konċessjoni l-Gvern ma riedx jerġa' jagħti konċessjoni esklussiva li tinkludi l-logħob kollu u jixhed li l-Gvern kien għadu ma ħariġx liġi li kellha tirregola dawn il-logħob fil-ħwienet f'Malta. Jgħid li wara negozjati twal intlaħaq bilanċ bejn il-Gvern u s-soċjeta' attriċi fejn il-Gvern seta' jiftaħ is-suq filwaqt li ppreżerva l-proviżjoni ta' dawn il-logħob fis-suq b'mod illi ma jtellifx lis-soċjeta' attriċi. Jgħid li dan kollu ntlaħaq minħabba li l-Gvern Malti kien għad ma kellux liġi sabiex joħroġ liċenzji għall-*Additional Games* u jikkonferma li s-soċjeta' attriċi ngħatat liċenzja sabiex toffri l-*Additional Games* fi kliemu *"under the National Lottery Licence itself"* (*a fol.* 196) u jżid jgħid: *"The National Lottery Licence contains a licence for the operation up to 2022 of BOTH the National Lottery Games and the Additional Games"* (*a fol.* 196). Jgħid li dan ma kien xejn differenti għal dak li sar fis-sena 2004 b'dan illi din id-darba l-partijiet qablu li kien ser ikun hemm differenza fundamentali bejn in-*National Lottery Games* u l-*Additional Games* u għalhekk kien hemm żewġ definizzjonijiet distinti. Id-differenza kellha tkun minħabba li man-*National Lottery Games* kien hemm marbuta esklussivita' waqt li s-soċjeta' attriċi

rrikonoxxiet li fi kwalsiasi ħin il-Gvern seta' jiftaħ is-suq tal-*Additional Games*.

Jispjega li l-bilanċ li ntlaħaq kien wieħed perfett fejn fuq naħa waħda s-soċjeta' attriċi rrikonoxxiet id-dritt tal-Gvern li jiftaħ is-suq permezz ta' pubblikazzjoni ta' liġi waqt li fuq in-naħa oħra l-Gvern kellu permezz ta' liġi eventwali jimponi fuq is-soċjeta' attriċi obbligi li ma kienux aktar iebsa minn dak li kien hemm fil-liċenzja b'dan illi s-soċjeta' attriċi ngħatat tmintax (18)-il xahar sabiex tadegwa ruħha għar-reġim il-ġdid. Għalhekk kien ser jinfetaħ is-suq mingħajr diskriminazzjoni fuq is-soċjeta' attriċi. Jgħid li dawn il-punti kienu suġġett ta' negozjar intensiv ħafna b'mod li kull ma hemm fil-liċenzja ma huwiex riżultat ta' traskuraġni iżda riżultat ta' xogħol ta' numru ta' avukati b'esperjenza kbira li studjaw kull kelma. Jgħid li s-soċjeta' attriċi ma fetħitx proċeduri l-Qorti mal-ewwel iżda ppruvat tifhem kif l-entitajiet tal-Gvern kienu lest li jiksru kundizzjonijiet kuntrattwali bi ksur dirett tal-konċessjoni. Jilmenta li minkejja n-negozjati u l-assigurazzjonijiet, l-Awtorità, qabel ma nfetħet il-kawża, spjegat li ma kienux qed jifhmu l-kuntratt bl-istess mod u li għalhekk skond l-Awtorità hija setgħet tawtorizza dan il-logħob abbażi ta' liġi li kienet fis-seħħ qabel is-sena 2012, ċioè il-*Gaming Devices Regulations*.

Jixhed li l-liġi li qed tiġi kkwotata mill-Awtorità li tippermetti li jiġu liċenzjati l-logħob bħal *Additional Games* ma għandha xejn x'taqsam ma' dak it-tip ta' logħob għax tirregola settur kompletament differenti tal-logħob tal-ażżard. Ikompli jgħid li anke jekk kieku wieħed kellu jieħu l-argument tal-Awtorità bħala korrett, dan kien ikun aktar gravi u jistaqsi għala kienet daħlet f'dawn in-negozjati tant diffiċli. Jistaqsi jekk kellhiex intenzjoni li tiżgwida lis-soċjeta' attriċi meta kienet taf li setgħet tilliberalizza s-suq.

Illi, fil-5 ta' Frar 2018, ġie ppreżentat affidavit ta' **Christopher Mallia** (*a fol.* 202 *et seq.*) fejn beda billi jgħid li bejn is-snin 2008 u 2013 huwa kien jokkupa l-kariga ta' *Policy Co-Ordinator* fi ħdan il-Ministeru tal-Finanzi. Jgħid li kellu rwol attiv fil-proċess li wassal għall-għoti tat-tieni liċenzja u konċessjoni. Isemmi kwistjonijiet legali li kienu nqalgħu qabel ma nħarġet it-tieni sejħa fejn is-soċjeta'

attriċi kienet allegat li kien hemm obbligu li tiġġedded l-ewwel konċessjoni biss pero' il-Gvern dejjem żamm li kellu d-dritt li joħroġ sejħa ġdida. Jippreċiża li ma kellux rwol fil-ftuħ tal-offerti iżda jgħid li huwa kien preżenti għal-laqgħat waqt in-negozjati. Jispjega d-distinzjoni li kien hemm fit-tieni sejħa bejn in-*National Lottery Games* u l-*Additional Games*. Jgħid li l-proċess tal-għoti tal-liċenzja l-ġdida kien iffukat fuq it-tliet logħbiet (Super 5, Lottu ta' nhar ta' Sibt u *Grand Lottery)* kif definiti bħala *National Lottery Games* u kien hemm qbil li l-esklussivita' kienet qiegħda tingħata biss fir-rigward tagħhom. Ikompli jgħid li kien hemm problema kif kienu ser jiġu regolati l-logħbiet l-oħra (dawk li ma kienux *National Lottery Games* bħal *sports betting*) u ħadu parir legali illi ma kienx għad hemm reġim legali li jirregola u joħloq suq għal dan it-tip ta' logħob tal-ażżard. Jispiċċa billi jgħid li l-partijiet iggarantixxu l-pożizzjoni ta' xulxin billi s-soċjeta' attriċi għarfet li l-Gvern irriżerva d-dritt li jiftaħ is-suq b'dana illi joħroġ liġi ġdida u l-Gvern ta lis-soċjeta' attriċi terminu ta' tmintax (18)-il xahar sabiex tadegwa ruħha għar-reġim il-ġdid.

Illi, fis-seduta tas-27 ta' April 2018, xehed **Carl Brincat Peplow** (*a fol.* 240 *et seq.*) fejn qal li kien ilu għal xi ftit jiem jokkupa l-kariga ta' *interim Chief Officer* fi ħdan il-*Malta Gaming Authority* u li għal xi sena u nofs kien jokkupa l-kariga ta' *Head of Authorisations* u qabel din il-kariga kien jokkupa l-kariga ta' *Manager*. Jgħid li meta ngħaqad ma' l-Awtorità kien jokkupa l-kariga ta' awditur. Mistoqsi jgħid min kien responsabbli fi ħdan l-Awtorità sabiex tinħareġ il-liċenzja lis-soċjeta' intervenuta wieġeb li kellu bżonn id-data sabiex jidentifika l-persuna in kwistjoni.

Illi, fis-seduta tal-5 ta' Novembru 2018, xehed **Edmond Galea**[1] (*a fol.* 331 *et seq.*) fejn jispjega li għal dawn l-aħħar tliet snin kien *Senior Executive* minn fuq in-naħa tal-*land-based* tal-*gaming*. Jgħid li huwa familjari mal-każ u spjega l-kontenut tal-*files* li kellu. Jgħid li fil-*file* bin-numru wieħed (1) hemm liċenzji dwar il-*commercial bingos*, tal-

[1] Fis-seduta tas-27 ta' Frar 2019 (*a fol.* 364), il-Qorti diversament preseduta tat digriet (*a fol.* 365 *et seq.*) fir-rigward ta' numru ta' dokumenti li ġew eżebiti minn Edmond Galea fis-seduti tal-5 ta' Novembru 2018 (*a fol.* 329) u s-16 ta' Novembru 2018 (*a fol.* 342 *et seq.*), f'liema digriet ġie degretat li ċertu dokumenti eżebiti ma kellhomx jiġu ammessi bħala parti mill-atti ta' din il-kawża.

*gaming devices* kif ukoll it-tiġdid ta' l-istess liċenzji minbarra dikjarazzjonijiet personali. Jikkonferma li dawn huma dawk immarkati bħala Dok. "1" sa Dok. "3" u Dok. "10" lkoll annessi man-Nota ipprezentata fl-10 ta' Ottubru 2018 (*a fol.* 281 *et seq.*). Jispjega li kull magna tal-logħob ikollha bżonn applikazzjoni tagħha bil-*lab certificates* ukoll u jkollha *serial number*. Ikompli jixhed li hemm l-applikazzjoni tal-*equipment* u jikkonferma li dawn huma applikazzjonijiet tas-sena 2011 u jgħid x'tip ta' applikazzjonijiet jistgħu jsiru. Mistoqsi jekk il-liċenzji u d-dokumenti jirriferux għall-i*sports betting*, jikkonferma li l-kelma *sports betting* ma tirriżultax u jgħid li huma jirreferu għal *gaming devices*. Jikkonferma wkoll li dawn il-liċenzji jiġu mġedda kull sena u li f'dan il-każ ġew imġedda. Mistoqsi jekk bejn il-perjodu ta' bejn is-sena 2011 u s-sena 2017 hemmx riferenza għal *sports betting* jerġa' jikkonferma li ma hemmx u li l-unika riferenza hija għal *gaming device*.

Wara jgħaddi sabiex jispjega li fil-*file* bin-numru tnejn (2) hemm *certification* li jingħaddew lill-MEPA bħala "*no objection certificates*" u jispjega li din l-applikazzjoni ssir sabiex wieħed ikun jista' jmexxi applikazzjoni għal post li jaqa' taħt *class* 3. Barra minn hekk il-*file* fih ukoll applikazzjonijiet għal tiġdid li jikkonfermaw li l-postijiet għadhom konformi mar-regolamenti. Jixhed li t-tiġdid tal-liċenzja isir kull sena u jikkonferma li l-magni li kien hemm fil-liċenzji kienu *slot machines*. Jispjega li dan il-logħob mhux l-istess bħal dawk tal-*casino* u li l-logħob offrut kien jaqa' taħt il-liġi li tirregola l-*gaming devices* u ma jinkludux *sports betting*.

Dwar il-*file* bin-numru tlieta (3) jispjega li hemm ħafna korrispondenza ta' natura operattiva u jikkonferma li f'dan il-*file* kien hemm risposta dwar *sports betting* fejn jingħad li ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni dwar l-i*sports betting* (Dok. "EG 1" – *a fol.* 341.). Ma rnexxilux isib korrispondenza li bdiet il-kwistjoni dwar l-i*sports betting*. Jispjega li fl-istess *file* kien hemm numru ta' *newspaper notifications* fejn ikun qed jiġi mħabbar li f'post partikolari ser ikun hemm ħanut tal-logħob u wieħed ikollu għoxrin (20) jum sabiex joġġezzjona. Jikkonferma li ma hemm xejn aktar dwar *sports betting* b'dan illi jgħid li fil-*file* hemm ittri lill-perit sabiex

jikkonferma li ma hemm xejn fil-viċinanzi ta' dak il-post. Dwar korrispondenza legali jikkonferma li dawn huma relatati ma' ħwienet li jkunu applikaw. Mistoqsi dwar il-*brand name* li kienet tuża s-soċjeta' intervenuta jgħid li dak iż-żmien l-isem kien dak ta' Fairplay.

Dwar il-file bin-numru erbgħa (4) jispjega li hemm numru ta' *no objections* relatati mal-MEPA u dwar sezzjoni oħra tal-*file* jispjega li hemm *business plan* u garanziji bankarji liema garanziji jkunu saru skont il-liċenzja mitluba. Jikkonferma li dawn il-garanziji ma kienux dwar *sports betting* imma kienu dwar xogħol normali.

**Edmond Galea** kompla jixhed fis-seduta tas-16 ta' Novembru 2018 (*a fol.* 344 *et seq.*) u jispjega li fil-*file* bin-numru ħamsa (5) hemm dak kollu relatat ma' l-i*sports betting* inkluż l-approvazzjoni tal-magni u l-apparat assoċjat, liema approvazzjoni nħarġet miċ-Chairman ta' qabel. Jgħid li d-dokumenti jinkludu wkoll fejn ser jitpoġġew il-magni u jinkludu s-*serial number* tagħhom (Dok. "12" – *a fol.* 321 *et seq.*). Jispjega wkoll li hemm il-*lab certification* (Dok. "11" – *a fol.* 311) *u l-manual* tas-*software* li qed jintuża fil-magni tal-logħob. Jgħid li fl-istess *file* hemm l-irċevuti li ġew imħallsa għal kull magna u hemm ukoll l-applikazzjonijiet kollha relatati ma' l-i*sports betting devices*. Jgħid li fil-*file* hemm ukoll ammont ta' korrispondenza interna li kienet saret wara l-applikazzjoni biex l-operatur ikun jista' jorganizza ruħu aħjar.

Fir-rigward ta' *file* bin-numru sitta (6) jgħid li dan il-*file* fih *testing lab reports* u fir-rigward ta' *file* bin-numru sebgħa (7) jibda billi jispjega li fih hemm applikazzjonijiet ta' l-i*slot machines* u kif ukoll *fit and proper checks* li tagħmel l-Awtorità u kif ukoll il-proċeduri tat-*tills* relatati ma' l-i*sports betting* kif ukoll dokumentazzjoni teknika dwar il-*counter tills*. Jgħid li hemm korrispondenza interna fejn l-ispetturi tal-Awtorità ngħataw struzzjoni sabiex jivverifikaw li l-magni marru fil-ħwienet li kellhom imorru fihom u jgħid li kien hemm aktar dokumenti dwar *slot machines*. Fl-aħħar eżebixxa indiċi li kien qed jixhed fuqu liema indiċi ġie mmarkat bħala Dok. "EG 2" (*a fol.* 352 *et seq.*).

**Edmond Galea** kompla jixhed fis-seduta tat-23 ta' Jannar 2019 (*a fol.* 360 *et seq.*) fejn qal li d-dokumenti li xehed fuqhom huma d-dokumenti kollha li kellha l-Awtorità sakemm ħarġet il-liċenzja u jikkonferma li d-dokumenti maħruġa ma ġewx redatti għall-finijiet tal-Qorti.

In <u>kontro-eżami</u> jikkonferma li fis-sena 2014 is-soċjeta' intervenuta għamlet applikazzjoni *ai termini* tal-*Gaming Devices Regulations* sabiex tkun tista' toffri *sports betting* fuq *gaming devices* u li l-Awtorità kkunsidrat din l-applikazzjoni bħala konformi mal-liġi. Rigward l-ismijiet Fairplay u IZIBET jikkonferma li dawn huma *trade names* tas-soċjeta' intervenuta Gaming Operations Limited. Jgħid li minbarra s-soċjeta' intervenuta hemm ħames operaturi oħra li joffru servizzi ta' *sports betting*.

Illi, fis-seduta tat-13 ta' Novembru 2019, xehed **Dr. Joseph Borg** (*a fol.* 417 *et seq.*) fejn jgħid li sas-sena 2013 kien impjegat tal-Awtorità u kien involut fit-tmexxija tan-negozjati dwar il-konċessjoni. Jispjega li l-Awtorità ma kinitx involuta fl-evalwazzjoni u wara l-evalwazzjoni bdew jaħdmu fuq il-ftehim u bdew jinnegozjaw fil-parametri tar-*Request for Proposal* u fuq dan il-punt jgħid li kien hemm biss ftit ċaqlieq iżda l-ispirtu tar-*Request for Proposal* inżamm. Jixhed li l-filosofija wara r-*Request for Proposal* kienet dejjem li jħallu s-suq kemm jista' jkun miftuħ u li f'dak iż-żmien kienu jitkellmu ħafna fuq aspetti ta' *technology neutrality* u *game neutrality*. Jixhed li riedu li s-suq jinfetaħ peress li aktar ma tirrestrinġih iktar jibda jiġi pprattikat b'mod illegali u hemm jibdew jinħolqu numru ta' problemi. Dwar il-konċessjoni jgħid li din kienet fuq tliet logħbiet li jgħid kienu l-*Grand Lottery*, is-*Super 5* (li sa dak iż-żmien kienet l-aktar logħba popolari) u l-Lottu. Jixhed li minn barra dan il-konċessjonarju kellu l-opportunita' li jopera logħob ieħor skont ma kien jixtieq basta li jġib l-permess tal-Awtorità u dan ma kienx logħob li kien jaqa' taħt xi monopolju. Jispjega li fuq dawn l-*Additional Games* ma kien hemm l-ebda proprjeta' intellettwali b'differenza mit-tliet logħbiet l-oħra bil-konsegwenza li għat-tliet logħbiet, operaturi oħra ma setgħux jidħlu fis-suq. Għad-domanda: *"Meta ngħidu logħob ieħor, għandek idea jiġifieri għalxiex konna qed nirreferu, per eżempju?"* (*a fol.* 420), wieġeb: *"Sports betting, Bingo*

*Games imma mhux bingo fis-swali u hekk, bingo li qisha lotterija, scratch card jidhirli"* (*a fol.* 420). Mistoqsi dwar il-kwistjoni tal-esklussivita' b'mod kategoriku jgħid li għal din is-sejħa ma kien hemm l-ebda esklussivita' fuq dan il-logħob l-ieħor. Dwar l-*online betting* jgħid li kien hemm din l-opportunita' li biha dejjem seta' jsir il-logħob. Jikkonferma li kien hemm il-*bingo halls.* Mistoqsi jgħid jekk fuq magni tal-logħob kienx hemm xi forma ta' regolamentazzjoni, wieġeb: *"Kien hemm xi ħaġa daqxejn patchy jiġifieri fuq amusement machines li minħabba li l-leġislazzjoni [...] ma kinitx updated għal ħafna żmien"* (*a fol.* 421). Jgħid li eventwalment l-Awtorità ħarġet regoli ġodda speċifikament fuq il-kaxxi tal-logħob u jikkonferma li dawn ir-regoli l-ġodda ħarġu fis-sena 2011 u ċioè qabel il-konċessjoni.

Dwar ir-regolamenti l-ġodda jikkonferma li huwa kien involut kemm fid-*drafting* u kif ukoll fl-ippjanar tagħhom u li bħala filosofija huma kienu *technology neutral* u *game neutral* u li jagħtu dak li huwa jiddeskrivi bħala: *"a controlled free market"* (*a fol.* 422) u jgħid li dan il-qafas kien estremament regolat. Jispjega li dawn ir-regolamenti ma kienux maħsuba għal xi logħba partikolari u kienu jitkellmu fuq il-postijiet inkluż xi trid tagħmel biex tħalli n-nies jidħlu u jgħid li kien hemm regolamenti fuq l-impjegati u regolamenti mil-lat ta' teknoloġija. Mistoqsi dwar l-*Additonal Games* jgħid li kien importanti li żżomm fil-parametri tal-liġi dwar il-kaxxi tal-logħob u ċioè il-*Gaming Devices Regulations*. Jgħid li huma ma kienux jimponu xi tip ta' logħba minħabba li n-natura tal-logħob jinbidel ħafna b'mod li jekk tirregola aspett speċifiku tal-logħob dan jiġi mibdul b'mod li l-liġi tiġi *outdated*. Ikompli jgħid kif taħt il-liċenzja tal-konċessjoni kien hemm parametri għall-*Additional Games*. Jikkonferma li l-konċessjoni kienet taħseb għall-possibbilita' li toħroġ xi liġi oħra u jgħid li dan kien hekk minħabba li l-iskop kien li dejjem jingħalqu t-toqob kollha biex ma jkollhomx esperjenzi koroh fil-kaxxi tal-logħob u f'dan ir-rigward jispjega li kien hemm klawsola li tagħti lill-konċessjonarju tmintax (18)-il xahar żmien sakemm jadatta ruħu. Għad-domanda jekk waqt dawk it-tmintax (18)-il xahar xi ħadd ieħor setax jibda jopera, jirrispondi fl-affermattiv f'każ li jkun laħaq ġab il-liċenzja. Mistoqsi jekk *online sports betting, bingo* u l-*Gaming Devices Regulations* kienux jeżistu qabel il-konċessjoni jikkonferma li kienu jeżistu.

In kontro-eżami, li sar fis-seduta tat-8 ta' Jannar 2020 (*a fol.* 428 *et seq.*), Dr. Joseph Borg spjega li dak iż-żmien minkejja li l-Ministru konċernat ma kellux obbligu li jikkonsulta mal-Awtorità huwa kien jinvolvi l-Awtorità f'kull ħaġa relatata ma' *gaming* u ġeneralment kien joqgħod fuq il-pariri tal-Awtorità iżda ma kellu l-ebda rwol fil-konċessjoni. Mistoqsi jekk hu (Dr. Borg) kellux xi rwol fir-rigward ta' l-ewwel liċenzja, jgħid li kellu rwol ta' superviżjoni fuq is-soċjeta' attriċi minħabba li kien *Head of Legal & Enforcement* u allura kien jiġi nvolut fuq kull aspett legali u f'każijiet ta' nfurzar. Jgħid li dan inbidel meta laħaq *Chief Regulatory Officer* u li dak iż-żmien kien jaqa' taħtu l-uffiċju tal-ispettorat.

Dwar minn kien involut fil-proċess ta' negozjati li saru bejn wieħed u ieħor bejn nofs Marzu tas-sena 2012 sal-aħħar ta' Ġunju 2012 jsemmi l-ismijiet in kwistjoni. Mistoqsi dwar jekk jiftakarx li kien hemm distinzjoni netta bejn l-ewwel konċessjoni u t-tieni waħda fir-rigward tal-esklussivita', wieġeb: *"Ħa nkun sinċier, ovvjament ma niftakarx eżatt it-test kif kien pero' ma naħsibx li kien hemm monopolju daqshekk wiesa' u ngħidlek għalfejn. Għax kieku l-online gaming kien in breach ta' dak il-monopolju diġa' jiġifieri"* (*a fol.* 433). Mistoqsi jgħid jaqbilx li fir-rigward tal-ewwel liċenzja kien hemm l-esklussivita' fuq il-logħbiet kollha li ngħataw f'dik il-liċenzja u li fir-rigward tat-tieni *tender* dan ħareġ b'esklussivita' limitata għat-tliet logħbiet li ġew deskritti bħala *National Lottery Games*, wieġeb li jaqbel. Mistoqsi għalfejn l-*Additional Games* kienu liċenzjati taħt l-istess liċenzja tan-*National Lottery* jirrispondi li dan sar sabiex jiġi mgħolli l-valur tal-liċenzja u għal kwistjoni ta' kontinwita' sabiex il-konċessjonarju jkun jista' jkompli joperahom. Meta mistoqsi dwar il-kwistjoni tal-ftuħ tas-suq tal-*land-based* jgħid li t-terminu ftuħ ma jaħsibx li huwa tajjeb minħabba li s-suq kien diġa' miftuħ. Jispjega li l-problema kienet dik tal-*lotto receivers* minħabba li l-bejgħ jew xiri ta' biljetti jrid jgħaddi mil-*lotto receivers*. Jispjega li x-xewqa tal-Awtorità kienet li tinħareġ liċenzja speċifika għal *lotto receivers* biex jekk xi ħadd ikun irid joħroġ b'xi lotterija li tkun tista' tiġi liċenzjata din tkun tista' isseħħ. Jgħid li l-Awtorità setgħet toħroġ liċenzja fuq kollox u ma kien hemm xejn li jwaqqafhom milli joħorġu liċenzja fuq xi ħaġa oħra. Jispjega li sakemm kienet logħba *of chance* or *chance and skill* hekk kif definitia fil-liġi setgħet tinħareġ liċenzja u

jkompli jispjega li dak iż-żmien xtaqu joħorġu liċenzji għal *receivers* minħabba li jekk imur xi ħadd b'logħba oħra ma kienx ikun hemm min ibiegħ. Itenni li fil-konċessjoni l-Awtorità kienet qed tagħti l-użu tal-proprjeta' intellettwali tat-tliet logħbiet u mhux esklussivita' u għalhekk f'każ li jkun hemm xi ħadd li joħroġ b'xi ħaġa simili b'*game method* differenti dan seta' jpoġġiha fuq is-suq u jikkonferma li biex jinħarġu dawn il-liċenzji idealment irid ikun hemm qafas legali. Meta mistoqsi jekk jaqbilx li minħabba nuqqas ta' qafas legali s-soċjeta' attriċi kellha tirrikonoxxi li ma kellhiex esklussivita', wieġeb li jaqbel. Jaqbel ukoll li l-Gvern żamm id-dritt illi jgħaddu l-liġi anke fil-mori tal-liċenzja u jiċċara li ma kien hemm l-ebda pjan li jsir xi *overhaul.* Jispjega li sakemm jiftakar l-unika ħaġa li ġiet innegozjata kienet li jiġi rikonoxxut li ma kellhomx esklussivita'. Dwar il-perjodu ta' tranżizzjoni jgħid li dan kien sabiex jiġi evitat reġim differenti fil-każ li jkun hemm operaturi oħra. Jixhed li ntlaħaq ftehim li jekk ir-regolamenti l-ġodda jkunu iktar iebsa, is-soċjeta' attriċi jkollha perjodu sabiex iġġib liċenzja taħt ir-reġim il-ġdid u jgħid ukoll li f'każ fejn ir-reġim il-ġdid fuq xi logħba jkun iktar iebes, il-konċessjonarju jkun jista' ikompli għaddej b'dak li kellu.

Mistoqsi dwar jekk kienx hemm xi ħadd li kien joffri *fixed odd betting land-based*, jikkonferma li ma kienx jidhirlu li kien hemm xi ħadd ieħor. Ikompli jispjega li kien hemm ħafna logħob fuq l-idejn u l-Awtorità dejjem kellha l-filosofija li jkollha qafas miftuħ kemm jista' jkun sabiex ikunu jistgħu jkissru l-logħob illegali. Mistoqsi jekk f'dak iż-żmien f'Ġunju 2012 jew f'Jannar 2013 kien imur xi ħadd biex jiftaħ post li jħalli *fixed odds betting*, jgħid li l-liġi kienet miftuħa. Meta mistoqsi kif allura ma kien hemm ħadd jispjega li ma kienx hemm applikazzjoni u wara jikkoreġi ruħu u jgħid li jista' jkun kien hemm xi applikazzjoni. Ikompli jispeċifika li jekk kien imur xi ħadd kien ikun diffiċli jwaqqfu minħabba li l-liġi kienet wiesa' ħafna. Dwar il-klawsola tat-tmintax (18)-il xahar, jgħid li ma jiftakarx il-kontenut ta' tali klawsola.

Illi, fid-29 ta' Jannar 2020, ġie ppreżentat affidavit ta' **Damian Xuereb** (*a fol.* 452 *et seq.*) fejn beda billi jispjega li bejn is-snin 2010 u 2013 kien jokkupa l-kariga ta' *Chief Strategy Officer* ma' l-Awtorità.

Jispjega li fis-16 ta' Frar 2004 kienet ħarġet l-ewwel konċessjoni għal-Lotterija Nazzjonali a favur tas-soċjeta' attriċi li kienet valida sal-4 ta' Lulju 2012 u li f'Ottubru 2011 kien hemm sejħa pubblika għall-għoti tat-tieni konċessjoni tal-Lotterija Nazzjonali u li hu kien responsabbli biex jipprepara l-abbozz tas-sejħa pubblika. Jixhed li żewġ offerenti tefgħu l-offerta tagħhom u li s-soċjeta' attriċi kellha l-ogħla offerta u li nbdew in-negozjati magħha li damu disa' xhur liema negozjati jgħid li kienu metikolużi. Jgħid li fl-aħħar is-soċjeta' attriċi ngħatat esklussivita' għal għaxar snin għan-*National Lottery Games* li jgħid huma l-*Grand Lottery*, is-*Super 5* u s-*Saturday Lotto*. Ikompli jgħid li flimkien ma' din il-konċessjoni s-soċjeta' attriċi ngħatat liċenzja biex topera logħob addizzjonali fis-suq lokali u jispjega li dan sar minħabba li kien aktar vantaġġuż għas-soċjeta' attriċi minħabba li fl-ewwel lok is-soċjeta' attriċi kienet diġa' topera dan il-logħob u allura ma kienx ikollha tapplika għal-liċenzja separata waqt li fit-tieni lok dawn il-logħbiet kienu jitqiesu bħala *non-core revenue drivers* għall-operatur kemm meta nħarġet l-ewwel konċessjoni kif ukoll meta nħarġet it-tieni. Jispeċifika li s-soċjeta' attriċi ma kellha l-ebda esklussivita' fuq dawn il-logħbiet u li dawn il-logħbiet qatt ma kienu parti mis-sejħa u f'dan ir-rigward jagħmel riferenza għal paragrafu bin-numru 2.1.5 tas-sejħa pubblika[2] kif ukoll għal paragrafu bin-numru II tal-konċessjoni.[3] Jixhed: *"Illi għalhekk il-benefiċċju li Maltco ingħatat hawnhekk kienet illi ingħatat liċenzja a priori biex topera dan il-logħob addizzjonali fis-suq lokali, almenu sat-terminu li kienet in vigore il-konċessjoni u ċioè 2022, filwaqt li operaturi oħrajn kellhom japplikaw biex jingħataw liċenzja għal dawn il-logħbiet addizzjonali u jissodisfaw ir-rekwiżiti rikjesti"* (*a fol.* 453). Jgħid

---

[2] Li jgħid jaqra hekk: *"Bidders shall submit their responses to this CFT in order to bid for the Concession for the National Lottery Rights. Bidders may also propose Other Games which could be included in the National Lottery Licence, however, one may wish to note that such Other Games are not considered as a requirement for the award of the Concession and these Other Games will fall under a liberalised market. Other Games may include fixed odds betting (such as sports betting and horse racing, pool betting, tombola/bingo and scratch cards...."* (*a fol.* 452 *et seq.*).

[3] Li jgħid jaqra hekk: *"...the Concessionaire may also introduce and operate Additional Games of chance on a non-exclusive basis throughout the Concession term, all of which subject to the prior approval of the Authority and as specifically regulated in the National Lottery Licence. In respect of such Additional Games, the Concessionaire expressly acknowledges that the Government of Malta may, at any time during the Concession term, propose and enact the required legislative amendments to the Act and/or regulations following which the Authority may, at its discretion, grant other licences to other operators to operate Additional Games on a non-exclusive basis in accordance with the provisions of the applicable regulatory framework as may be in force from time to time regulating the Concessionaire in respect of the Additional Games as licensed in the National Lottery Licence"* (*a fol.* 453).

li għalhekk is-soċjeta' attriċi ma kellhiex esklussivita' fuq dan il-logħob addizzjonali. Jiftakar li ġie diskuss li f'każ li jkun hemm tibdil fil-leġislazzjoni, is-soċjeta' attriċi kien ikollha tmintax (18)-il xahar minn dakinhar li tiġi fis-seħħ il-liġi l-ġdida biex tadatta lilha nnifisha għar-regolamenti l-ġodda. F'dan il-kuntest jirreferi għal paragrafu 2.1.5 tas-sejħa pubblika.[4]

Jispjega li huwa ovvju li dispożizzjonijiet tranżitorji jidħlu fis-seħħ għal liċenzji li jkunu diġa' jeżistu b'dana li allura dawk li jkollhom liċenzja jingħataw żmien sabiex jadattaw ruħhom. Ikompli jgħid li fl-ebda ħin ma ġie miftiehem li waqt dawn it-tmintax (18)-il xahar l-ebda operatur ma seta' joffri logħob addizzjonali. Jgħid f'dan ir-rigward diġa' kien hemm operaturi oħra li kienu qed joffru logħob addizzjonali fuq is-suq lokali. Jispiċċa billi jgħid li l-liċenzja kienet miktuba biss bil-ħsieb li s-soċjeta' attriċi tiġi mħollija topera logħob addizzjonali mingħajr ħtieġa ta' liċenzja ulterjuri u la darba jinbidlu r-regolamenti s-soċjeta' attriċi kellha tirregolarizza l-pożizzjoni tagħha. Jgħid li l-valur tal-offerta magħmula mis-soċjeta' attriċi meta ħarġet is-sejħa pubblika u l-valur tal-konċessjoni meta ngħatat lis-soċjeta' attriċi kien jirreferi u kien marbut għall-użu esklussiv tal-proprjeta' intellettwali għan-*National Lottery Games* u xejn aktar.

In kontro-eżami, li sar fis-seduta tal-14 ta' Diċembru 2020 (*a fol.* 466 *et seq.*), Damian Xuereb jispjega li d-differenza finanzjarja bejn l-offerti kienet li waħda minnhom kienet €36,000,000 u xi ħaġa waqt li l-oħra kienet €39,000,000 ċirka. Mistoqsi dwar x'kienu l-*Additional Games* imsemmija fil-liċenzja jgħid li kienu kwalsiasi logħba li ma kinitx taqa' taħt it-tliet logħbiet tal-pakkett tal-lotterija nazzjonali. Jikkonferma li l-*Additional Games* kienu jinkludu fost l-oħrajn *sports betting* u jikkonferma wkoll li fl-*Additional Games* l-konċessjonarju ma ngħata l-ebda esklussivita'. Mistoqsi dwar min f'dak iż-żmien kien joffri dan is-servizz mhux *online* jikkonferma li ma kien hemm ħadd ieħor. Jikkonferma li l-liġi daħlet wara dan il-perjodu iżda huwa ma kienx għadu jaħdem ma' l-Awtorità u ma jafx jekk ingħatax il-perjodu ta' tranżizzjoni. Jgħid li spiċċa minn ma' l-

[4] Li jgħid jaqra hekk: *"provided that should there be a licensing regime for such Other Games, the Licensee shall start operating such games under the said regime and subject to any such conditions as required. Transitory provisions shall be provided in such new regimes to ensure a smooth transition"* (*a fol.* 453).

Awtorità f'Diċembru tal-2013 iżda ma kienx ikollu informazzjoni kunfidenzjali sa minn Ġunju 2013. Jikkonferma li l-ħsieb li jinfetaħ is-suq kien minn qabel ma ngħatat il-konċessjoni minħabba l-*online betting*. Mistoqsi dwar kif kienu bi ħsiebhom jiftħu s-suq jispjega li dak iż-żmien kien hemm il-*gaming parlours* pero' ma kienux għadhom qed jaħsbu li jattakkaw l-i*sports betting framework* pero' jgħid li kien diġa' jidher li ħafna nies kienu qed imorru *online* u b'hekk dan kien qed jieħu l-kummerċ li kien tas-soċjeta' attriċi. Dwar ir-rwol tiegħu fin-negozjati jikkonferma li huwa kien involut u li r-rwol tiegħu fil-proċess kien li kitbu, immaniġġjah u eżegwieh mill-bidu sa l-aħħar. Mistoqsi kif kellha taħdem il-klawsola tal-perjodu ta' tranżizzjoni, jgħid li meta kienet tiġi notifikata liġi ġdida s-soċjeta' attriċi kien ikollha tmintax (18)-il xahar biex tibda topera skont il-liġi.

In ri-eżami (*a fol.* 471 *et seq.*) Damian Xuereb jkkonferma li l-*bingo* kien logħba *land-based* li kienet diġa' teżisti bħala *Additional Game*. Ikompli jispjega li d-dispożizzjoni tranżitorja taħdem b'mod li meta inti jkollok operatur li diġa' qed jaħdem fil-ġurisdizzjoni Maltija huwa jkollu perjodu sabiex jibda jopera skont il-liġi l-ġdida. Mistoqsi dwar x'reġim kien japplika għal *bingo*, jgħid li kien reġistrat taħt il-*Gaming Act* b'mod allura li kien hemm diġa' reġim għalih u allura ma kienx regolat mill-konċessjoni. Mitlub jispjega għaliex ħarġet il-konċessjoni f'dan ir-rigward, wieġeb li l-flus li tħallsu kienu fir-rigward tat-tliet logħbiet nazzjonali. Minħabba li s-soċjeta' attriċi kienet sa dak il-mument għaddiet minn proċess tant rigoruż ma nħassx il-bżonn li terġa' tgħaddi minn proċess ieħor u allura setgħet żżid l-logħbiet l-oħra mal-liċenzja. Jikkonferma li f'każ li toħroġ liġi ġdida għal-logħob li kien diġa' hemm kien ikollhom jadattaw waqt il-perjodu ta' tranżizzjoni u f'każ ta' logħob ġdid ikollhom jgħaddu minn proċess ta' liċenzja ġdida.

Illi, fit-28 ta' Awwissu 2020, ġie ppreżentat affidavit ta' **Johann (George) Schembri** (*a fol.* 460 *et seq.*) fejn jgħid li jokkupa l-kariga ta' Kap Eżekuttiv tas-soċjeta' Pinnacle Gaming Group Limited li jgħid hija sid tal-kumpannija Gaming Operations Limited. Jgħid li s-soċjeta' Pinnacle Gaming Group Limited kienet tefgħet offerta għat-

tieni konċessjoni li nħarġet minn naħa tal-Gvern għal perjodu ta' bejn is-sena 2012 u s-sena 2022. Jispjega kif is-sejħa għall-offerti kienet kategorika dwar il-fatt li l-kumpannija rebbieħa kienet ser tgawdi esklussività biss fuq il-logħob tal-Lottu, is-*Super 5*, il-*Grand Lottery*, ilkoll magħrufa bħala *National Lottery Games*. Jixhed li s-sejħa ngħatat lis-soċjeta' attriċi minħabba li kienet issottomettiet l-ogħla offerta. Jispjega li l-offerta tas-soċjeta' Pinnacle Gaming Group Limited kienet ibbażata fuq il-fatt li s-sejħa kienet tikkontempla esklussivita' biss fi tliet logħbiet u li kieku kien magħruf li din kienet testendi għal attivitajiet oħra l-offerta kienet tkun differenti. Jgħid li minħabba li l-esklussivita' kienet limitata għall-attivitajiet indikati, fil-perjodu 2013 u 2014 is-soċjeta' intervenuta Gaming Operations Limited bdiet tesplora l-possibilita' li tintroduċi logħob u kunċetti ġodda ġewwa l-*Controlled Gaming Premises* tagħha u li f'dan il-kuntest is-soċjeta' in kwistjoni żviluppat *Self Service Betting Terminal* sabiex tkun tista' toffri *sports betting* lill-klijenti tagħha. Jgħid li din is-sistema ġiet evalwata u ċertifikata minn laboratorji internazzjonali u wara dan is-soċjeta' intervenuta Gaming Operations Limited applikat u akkwistat l-approvazzjonijiet kollha mill-Awtorità biex tintroduċi *betting* ġewwa l-postijiet liċenzjati lilha. Jgħid li l-liċenzji ngħataw mill-Awtorità taħt il-*Gaming Devices Regulations*. Jispjega kif is-soċjeta' intervenuta dejjem imxiet skont il-liġi u ma hijiex parti mill-ftehim bejn is-soċjeta' attriċi u l-Awtorità u allura ma għandhiex tiġi affettwata minn dan il-ftehim. Minbarra dan jgħid kif il-*Malta Racing Club* diġa' kien joffri possibbilita' li jkun hemm logħob fuq tiġrijiet taż-żwiemel qabel ma' s-soċjeta' attriċi ngħatat it-tieni konċessjoni.

**Ikkunsidrat**

Illi din is-sentenza tirrigwarda biss l-ewwel tliet talbiet hekk kif kontenuti fir-Rikors Maħluf tas-soċjeta' attriċi u dana in segwitu ta' dak li ġie mitlub fis-seduta tas-6 ta' Mejju 2019 (*a fol.* 388 *et seq.*) quddiem din il-Qorti hekk kif diversament preseduta.

Illi qabel il-Qorti tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-ewwel tliet talbiet tas-soċjeta' attriċi, il-Qorti tinnota li mill-atti proċesswali jirriżulta s-segwenti:

- fl-24 ta' Ottubru 2011 il-Gvern Malti ħareġ sejħa għall-offerti sabiex jagħti konċessjoni tal-lotterija nazzjonali lill-aqwa offerent;[5]

- wara negozjati li damu għaddejjin diversi xhur il-Gvern Malti ddeċieda li jagħti din il-konċessjoni lis-soċjeta' attriċi għas-somma ta' ċirka disa' u tletin miljun Euro (€39,000,000);

- fis-27 ta' Ġunju 2012 ġie ffirmat il-kuntratt ta' konċessjoni, it-terminu ta' liema kien dak ta' għaxar snin u fl-istess ġurnata l-Awtorità konvenuta ħarġet il-liċenzja (Dok. "B" – *a fol.* 378 *et seq.*) sabiex is-soċjeta' attriċi tkun tista' topera l-konċessjoni in kwistjoni, liema liċenzja kienet tibda tiddekorri mill-5 ta' Lulju 2012 u kellha tiskadi fl-4 ta' Lulju 2022;

- fil-konċessjoni jirriżulta paċifiku li l-Gvern kien qed jagħti taħt esklussivita' l-użu tal-proprjeta' intellettwali tal-lotterija nazzjonali lis-soċjeta' attriċi, liema pakkett ta' logħob kien jinkludi l-logħob li jġib l-isem ta' *Super 5,* il-Lotterija Nazzjonali u l-Lottu;

- il-konċessjoni kienet tippermetti lis-soċjeta' attriċi topera wkoll *Additional Games,* liema logħbiet prattikament kienu l-logħbiet kollha tal-ażżard għajr dawk li kienu jaqgħu taħt il-liċenzja tal-lotterija nazzjonali;

- fil-każ tal-logħob imsemmija fil-paragrafu preċedenti, il-Gvern Malti ma tax lis-soċjeta' attriċi xi forma ta' esklussivita' anzi l-Gvern irriżerva d-dritt li jiftaħ is-suq ta' dawn l-*Additional Games* fi kwalsiasi mument waqt il-konċessjoni;

[5] Dan jirriżulta minn dokument bit-titolu *"Concession for the Rights of the National Lottery of Malta"* (Dok. "A" – *a fol.* 373 *et seq.*), f'liema dokument hemm imniżżel x'jitfisser, fost l-oħrajn, bis-segwenti: *"Additional Games"*, *"National Lottery"*, *"National Lottery Games"* u *"National Lottery Licence"*.

- fis-27 ta' Jannar 2015 (Dok. "12" – *a fol.* 321 *et seq.*) l-Awtorità konvenuta ħarġet liċenzja lis-soċjeta' intervenuta Gaming Operations Limited sabiex din tal-aħħar tkun tista' topera magni tal-logħob li joffru l-possibbilita' li jsiru mħatri fuq l-isports.

Illi l-vertenza li għandha quddiemha din il-Qorti f'din il-kawża ssib l-għeruq tagħha proprju fuq l-aħħar fatt imsemmi u ċioè dak li fis-27 ta' Jannar 2015 l-Awtorità konvenuta ħarġet il-liċenzja msemmija lis-soċjeta' intervenuta Gaming Operations Limited u dana minħabba li skont is-soċjeta' attriċi, il-Gvern, filwaqt li rriżerva d-dritt li jiftaħ is-suq tal-*Additional Games*, intrabat li jagħmel dan permezz ta' intervent leġislattiv.

Illi in segwitu tal-fatt li fis-sena 2015 l-Awtorità konvenuta ħarġet liċenzja sabiex is-soċjeta' intervenuta tkun tista' topera magni tal-logħob li jippermettu li jsiru mħatri fuq attivitajiet sportivi, is-soċjeta' attriċi tilmenta li din il-liċenzja kienet tikser il-kundizzjonijiet tal-kuntratt ta' konċessjoni u tal-liċenzja minħabba li ma sar l-ebda intervent leġislattiv sabiex jinfetaħ is-suq hekk kif hija tisħaq li l-Gvern kien intrabat li jagħmel. Minn naħa tagħhom, il-konvenuti jargumentaw li l-liċenzja li nħarġet lis-soċjeta' intervenuta kienet legali u nħarġet skont il-*Gaming Devices Regulations*.

Illi fuq dan il-punt is-soċjeta' attriċi tilmenta li dawn ir-regolamenti msemmija ma humiex intiżi sabiex jirregolaw l-għoti ta' liċenzji għal dawn il-magni minħabba li l-magni li dawn ir-regolamenti huma ntiżi sabiex jirregolaw huma magni tal-ażżard ibbażati fuq *Random Number Generator*.

Illi l-Qorti sejra issa tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-ewwel tliet talbiet hekk kif kontenuti fir-Rikors Maħluf tas-soċjeta' attriċi.

**<u>L-Ewwel (1) Talba</u>**

**(<u>Tiddikjara u tiddeċiedi illi bil-liċenzjar, awtorizzazzjoni u/jew approvazzjoni ta' logħob jew magni tal-logħob immexxija minn</u>**

**<u>kwalunkwe terz operatur li jaqa' taħt l-ekwivalenti tal-*Additional Games*, il-konvenuti jew min minnhom kiser id-dispożizzjonijiet tal-liċenzja u l-konċessjoni mogħtija lis-soċjeta' attriċi)</u>:**
Illi l-Qorti tibda l-istħarriġ tagħha billi tinnota li l-konċessjoni hekk kif iffirmata mas-soċjeta' attriċi kienet maqsuma fuq żewġ tipi ta' logħob. L-ewwel parti kienet tirrelata ma' l-operat, b'mod esklussiv, tal-proprjeta' intellettwali tal-pakkett ta' logħob li jaqa' taħt il-Lotterija Nazzjonali u ċioè il-Lotterija Nazzjonali, is-*Super 5* u l-Lottu. It-tieni pakkett tal-logħob kien jirrigwarda l-logħob definit bħala *Additional Games* taħt liema logħob kien hemm logħob tal-ażżard bħal, fost l-oħrajn, *sports betting* u *bingo*.

Illi jirriżulta paċifiku mix-xhieda mressqa f'din il-kawża li fil-każ tal-*Additional Games* (b'differenza mil-logħob l-ieħor mogħti taħt il-konċessjoni) il-Gvern ma kienx intrabat b'ebda klawsola ta' esklussivita'. Bil-kontra l-Gvern għamilha ċara li fi kwalsiasi stadju ta' din il-konċessjoni seta' jilliberalizza s-suq. F'dan ir-rigward is-soċjeta' attriċi tisħaq li fl-istess kuntratt ta' konċessjoni l-Gvern, sabiex ikun jista' jilliberalizza s-suq ta' l-*Additional Games*, intrabat li jippromulga liġi speċifika minħabba li ma kienx hemm leġislazzjoni li tippermetti dan. B'hekk il-Qorti tifhem li dak li tivvanta minnu s-soċjeta' attriċi huwa li kellha aspettativa li sakemm tinħareġ xi liġi hija kien ser ikollha *de facto* esklussivita' u li meta konsegwentement il-Gvern ħareġ il-liċenzja lis-soċjeta' intervenuta mingħajr ma ppromulga l-liġi huwa affettwa l-qligħ tagħha qabel iż-żmien.

Illi, minn naħa tagħhom, il-konvenuti jargumentaw li l-Awtorità ma kellhiex bżonn toħroġ regolamenti sabiex tagħti liċenzja għat-tip ta' logħob li applikat għalih is-soċjeta' intervenuta. B'mod partikolari, fir-Risposta Maħlufa tagħha s-soċjeta' intervenuta Gaming Operations Limited tisħaq li kien hemm regolamenti li kienu wiesa' biżżejjed sabiex jippermettu li tinħareġ liċenzja taħthom bl-unika limitazzjoni tkun dik li min kien japplika taħt dawn ir-regolamenti kellu jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti taħthom.

Illi l-konvenuti jargumentaw li waqt in-negozjati s-soċjeta' attriċi riedet li tingħata s-serħan il-moħħ li jekk jinbidel ir-reġim regolatorju hija tingħata żmien sabiex tirregola ruħha waqt li fl-

istess ħin akkwistat id-dritt li taħt ir-reġim il-ġdid hija ma jkollhiex trattament anqas favorevoli minn dak li kellha taħt il-liċenzja.

Illi l-Qorti ser tgħaddi sabiex tibda tifli d-diċitura tal-konċessjoni jew għal ta' l-inqas tal-partijiet tagħha li ġew ippreżentati fl-atti proċesswali (Dok. "A" – *a fol.* 373 *et seq.*). Il-Qorti hija tal-fehma li l-ewwel għandha tagħmel riferenza għal numru ta' definizzjonijiet hekk kif mogħtija fl-istess konċessjoni.

> *"'Additional Games' means any other game of chance, not being one of the National Lottery Games, which is operated on a non-exclusive basis, subject to the Authority's prior approval to be granted in its sole and absolute discretion, including, but not limited to, fixed odd betting (such as sports betting and horse racing), betting exchange, pool betting, tombola or bingo and scratch cards, and which are contained in the relative schedules to the National Lottery Licence, together with any other games which the Concessionaire may propose throughout the Concession term, subject to the Authority's prior approval;*
>
> *[...]*
>
> *'National Lottery' means generally all such games as are prescribed to form part of the national lottery by virtue of regulations under the Act, and the terms and conditions of which and other matters relating thereto are also presribed by regulations or in the National Lottery Licence and any games authorised by the Authority and subject to such terms and conditions therein;*
>
> *'National Lottery Games' means the Grand Lottery, Super 5 and Lotto, as listed in the relative schedules to the National Lottery Licence, in their current format as well as any variation of any of the said National Lottery Games, whether in form, process, parameters or participation means;*
>
> *'National Lottery Licence' means the licence to operate the National Lottery granted by the Authority to the Concessionaire under Article 26(3) of the Act effective as of 5th. July 2012,*

*together with all relative schedules and accompanying documentation forming an integral part thereof, a certified copy of which licence is annexed hereto in Schedule 2 forming an integral part hereof;".*

Illi klawsola II(a) tal-konċessjoni (Dok. "A" – *a fol.* 373 *et seq.*) taqra hekk:

*"this Concession relates to the operation by the Concessionaire, on an exclusive basis, of the National Lottery Games and any variations thereto, as approved by the Authority in accordance with the terms of the National Lottery Licence, in accordance with the provisions of Article 26 of the Act and as licensed in the National Lottery Licence issued by the Authority to the Concessionaire. For the avoidance of doubt, the Concessionaire may also introduce and operate Additional Games of chance on a non-exclusive basis throughout the Concession term, all of which subject to the prior approval of the Authority and as specifically regulated in the National Lottery Licence. In respect of such Additional Games, the Concessionaire expressly acknowledges that the Government of Malta may, at any time during the Concession term, propose and enact the required legislative amendments to the Act and or regulations following which the Authority may, at its discretion, grant other licences to other operators to operate Additional Games on an non-exclusive basis in accordance with the provisions of the applicable regulatory framework as may be in force from time to time regulating the Concessionaire in respect of the Additional Games as licensed in the National Lottery Licence;*

*Furthermore, throughout the Concession, the Concessionaire may propose to operate Additional Games under the National Lottery Licence and/or Other Games, as may be approved by the Authority, which shall also form part of the National Lottery Licence as specifically regulated under the terms and conditions of the said National Lottery Licence and the Authority shall add provision for such Additional Games in the National Lottery Licence or in such separate licences issued by the Authority in respect of said Additional Games as governed by the applicable*

*regulatory framework as may be in force from time to time when the proposed games are approved by the Authority".*

Illi mix-xiehda mogħtija minn Dr. Edwina Licari (*a fol.* 118 *et seq.*) jirriżulta li t-test u l-obbligi assunti minn naħa tal-Gvern fil-konċessjoni kienu riprodotti fil-liċenzja mogħtija lill-konċessjonarju u li dawn kienu jorbtu flimkien sabiex jekk ikun hemm ksur ta' waħda, l-oħra tkun tista' tiġi rtirata. B'hekk il-Qorti ser tqis iż-żewġ dokumenti bħala estensjoni ekwivalenti ta' xulxin.

Illi f'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferenza għal-liċenzja (Dok. "B" – *a fol.* 378 *et seq.*) fejn fi klawsola bin-numru tlettax (13) hemm imniżżel hekk:

*"The Licensee shall adhere and comply with any new licensing regime which the Government and/or the Authority may issue, with respect to Additional Games which have been approved by the Authority under this Licence. [...]"*

Illi meta l-Qorti tqabbel il-klawsoli hawn fuq kwotati, minkejja li suppost fihom l-istess obbligi, tinnota differenza fundamentali u ċioè filwaqt li fil-klawsola li hemm fil-konċessjoni jidher ċar li l-Gvern kien qed jintrabat li jilliberalizza s-suq ta' l-*Additional Games* wara li tinħareġ liġi apposta, il-liċenzja kull ma tgħid hu li l-konċessjonarju għandu jobdi kull reġim ġdid li l-Gvern u/jew l-Awtorità jistgħu joħorġu matul iż-żminijiet. Din id-differenza hija sostanzjali u fejn filwaqt li fid-dokument tal-konċessjoni hemm rabta li trid toħroġ liġi u huwa biss wara dan li jinħarġu liċenzji ġodda, fil-liċenzja dan l-irbit mhux hemm.

Illi dwar regoli ta' interpretazzjoni l-Qrati dejjem sostnew li din trid tkun ibbażata fuq qari oġġettiv tal-klawsoli in kwistjoni. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-6 ta' Diċembru 2010 fl-ismijiet **S.B.M.D. Limited vs. Awtorità tad-Djar** (Numru 658/2006/1) fejn il-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) qalet hekk:

> "Meta l-kliem tal-att huma ċari l-interpretu għandu joqgħod għal dan il-kliem u mhux jirrikorri għal konġetturi. Fl-applikazzjoni tar-regoli ta' interpretazzjoni ma hijiex l-interpretazzjoni tal-kontendenti għall-kliem tal-konvenzjoni jew is-sens divers minnhom lilhom mogħti li jiswa imma hu l-qari oġġettiv tal-ġudikant li jagħti l-kliem is-sens ordinarju tiegħu, fil-kuntest ta' kif ġie użat mill-kontraenti, li għandu joqgħod. Jekk għall-ġudikant id-diċitura wżata ma tistax ma twassalx oġġettivament għal sens ċar u univoku hu dan is-sens illi għandu jfisser il-volonta' espressa mill-kontraenti fil-konvenzjoni taħt eżami. Hu biss meta t-termini tal-kuntratt huma oskuri li jrid jiġi kkunsidrat dawk il-pattijiet li l-kontraenti riedu.[6]"

Illi minħabba d-differenza fil-kliem bejn il-konċessjoni u l-liċenzja u minħabba l-fatt li dawn kienu suppost jorbtu flimkien, il-Qorti mhijiex f'pożizzjoni tgħid li d-diċitura li ġiet użata fiż-żewġ testi tista' twassal għal sens ċar u univoku. Minħabba dan, il-Qorti mhux tal-fehma li għandha sserraħ fuq il-prinċipju ta' *pacta sunt servanda* u tillimita ruħha biss fuq dak li hemm f'wieħed miż-żewġ dokumenti biex tasal għal tifsira ta' dak li riedu l-partijiet. Kien ikun utli għall-Qorti kieku wieħed mill-partijiet eżebixxa kopja tas-sejħa għall-offerti minħabba li din kieku kienet titfa aktar dawl fuq x'kien permess abbażi ta' l-istess sejħa iżda dan ma seħħ lill-ebda wieħed mill-partijiet.

Illi r-raġunament tal-Qorti huwa bbażat ukoll fuq il-fatt li, minkejja li l-klawsola fil-konċessjoni fejn jidher li l-Gvern qed jintrabat li joħroġ liġi ġdida jitkellem fuq l-*Additional Games* kollha u mhux speċifiku fuq *sports betting,* jirriżulta b'mod paċifiku li kien hemm *Additional Games* li diġa' kienu regolati permezz ta' liġijiet *ad hoc*. Għaldaqstant, minħabba li ma kienx loġiku għal Gvern li jintrabat li jilliberalizza setturi mentri dawn kienu diġa' liberalizzati, il-Qorti hija tal-fehma li d-diċitura tal-artikolu fil-konċessjoni ma jirriflettix il-ftehim ta' bejn il-partijiet.

---

[6] Ara Vol. XXXVI.i.191; **Nazzareno Vella noe vs. Joseph Abela noe**: Qorti tal-Appell 14 ta' Jannar 2002; **Av. Leslie Grech noe vs. Ivan Burridge pro et noe**: Qorti tal-Appell 14 ta' Jannar 2002.

Illi l-Qorti ser tieħu in konsiderazzjoni l-argumenti mressqa mill-konvenuti sabiex isostnu l-aġir tagħhom u ċioè li huma setgħu joħorġu liċenzja għal kull logħba basta li r-regolamenti jiġu mħarsa. Għad-domanda magħmula mill-konsulent legali tas-soċjeta' attriċi lil Dr. Edwina Licari: *"Ara naqblux li ma kien hemm imkien fejn nista' mmur ħlief il-Maltco?"* (*a fol.* 408), Dr. Licari wieġbet hekk: *"Ma nistax nikkonferma mill-memorja għax irrid nara meta kien hemm ir-rikjesta u meta ħriġna l-permess. Meta ġew imfasslin il-Gaming Devices Regulations u niftakarha ċara, id-definizzjoni kienet tant ampja li jekk magna tissodisfa l-kriterji tista' tiġi approvata b'kull tip ta' logħba jekk tissodisfa"* (*a fol.* 408).

Illi mill-atti jidher li l-liċenzja li nħarġet lis-soċjeta' intervenuta Gaming Operations Limited issib il-bażi legali tagħha fil-*Gaming Devices Regulations* li ġew ippromulgati permezz ta' Avviż Legali 75 tal-2011[7]. Regolament 3 tal-imsemmi Avviż Legali jagħmilha ċara li sakemm mhux qed jintuża apparat rilevanti għal-logħob eżentat ħadd ma jista' joffri għall-użu apparat għal logħob sakemm mhux liċenzjat. Appart minn dan, Regolament 25 ta' l-istess Avviż Legali jagħmilha ċara li ħadd ma jista' jopera l-apparat li ser jintuża għal-logħob li ma jkunx ġie approvat mill-Awtorità. Regolament 25(2)(b) jimponi fost affarijiet oħra li sabiex jiġu approvati għall-użu, l-applikazzjoni għal dan l-apparat irid ikollu:

> "ċertifikat maħruġ minn Laboratorju ta' Testjar li jiċċertifika li l-istatistika ta' drabi li jiġru kif ġie ġie tan-numru li jitla' kif ġie ġie u tas-simbolu tal-ġeneratur relatat mal-apparat rilevanti għal-logħob hu konformi mad-dritt Komunitarju u ma' *standards* li jistgħu jkunu applikabbli minn żmien għal żmien u ma' dawn ir-regolamenti."

Illi dan iċ-ċertifikat huwa mandatorju u dan jirriżulta mill-fatt li l-Awtorità ma għandhiex il-jedd twarrbu bil-kontra ta' rekwiżiti oħra fl-istess sub-Regolament fejn jidher biċ-ċar minn Regolament 25(2)(ċ), li jibda bil-kliem: *"fil-każ fejn iċ-ċertifikat imsemmi fil-paragrafu (a) ma jkoprix il-logħbiet provduti permezz tal-apparat*

[7] Leġislazzjoni Sussidjarja 438.07 tal-Liġijiet ta' Malta (Avviż Legali 75 tal-2011 kif emendat bl-Avviżi Legali 426 tal-2012 u 85 tal-2014) – Imħassrin bl-Att XVI tal-2018.

*rilevanti għal-logħob"*, li l-Awtorità tista' twarrab rekwiżit taħt Regolament 25(2)(a). Fuq il-prinċipju *ubi lex voluit dixit*, allura *a contrario sensu* r-rekwizit taħt Regolament 25(2)(b) ma jistax jitwarrab.

Illi l-Qorti qed tiffoka fuq dan il-punt minħabba l-emfażi li għamlet is-soċjeta' attriċi li r-regolamenti in kwistjoni ma japplikawx għal dawn it-tip ta' magni. Minn analiżi bir-reqqa tad-dokumenti sottomessi mis-soċjeta' intervenuta sabiex tikseb il-liċenzja, il-Qorti jirriżultalha li miċ-ċertifikazzjoni magħmula mis-soċjeta' Quinel M. Limited jidher li din tiċċertifika li l-affarijiet li hija vverifikat jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 438.07 tal-Liġijiet ta' Malta (*a fol.* 314).

Illi din iċ-ċertifikazzjoni tmur kontra dak li jgħid ir-rapport *ex parte* (Dok. "KPMG 1" – *a fol.* 207 *et seq.*) redatt mid-ditta KPMG fejn fil-konklużjonijiet tiegħu (*a fol.* 221) l-espert jgħid li l-logħbiet li qed jintużaw fil-ħwienet tas-soċjeta' intervenuta huma ta' żewġ tipi. L-espert jagħmel distinzjoni bejn dawn it-tnejn u jgħid li minħabba n-natura differenti tal-logħob ir-rekwiżit tal-logħob li jaqgħu taħt il-kategorija ta' *Random Number Generator* ma humiex l-istess bħal dawk li huma *Self-Service Betting Terminals*.

Illi l-Qorti hija kemmxejn xettika u fuq dan il-punt ixxaqleb lejn dak li jgħid l-espert tekniku *ex parte* fir-rapport tiegħu hawn fuq imsemmi. Il-Qorti tgħid hekk minħabba li f'għajnejha huwa evidenti li l-logħob tal-ażżard fuq l-isports ma huwiex dipendenti fuq l-istatistika ta' numru li jitla' kif ġie ġie. Magħdud ma' dan, il-Qorti hija ferm aktar xettika meta s-soċjeta' intervenuta tiċċertifika li l-*proposed payout percentage* ser ikun mhux anqas minn ħamsa u tmenin fil-mija (85%) (*a fol.* 324). Il-Qorti tgħid hekk għax sabiex wieħed jiċċertifika tali *payout* irid ikollu kontroll tar-riżultat – dan huwa fatt li jkun possibbli biss b'logħob li jaħdmu abbażi ta' *Random Number Generator* u mhux fuq *sports betting.*

Illi, meħud in konsiderazzjoni dak kollu li ngħad hawn fuq, il-Qorti mhijiex konvinta li l-logħob propost mis-soċjeta' intervenuta kien jikkwalifika għal liċenzja taħt ir-Regolamenti Dwar Apparat Għal-

Logħob (Leġislazzjoni Sussidjarja 438.07 tal-Liġijiet ta' Malta) u dana proprju minħabba li l-logħob li kienet qed tipproponi, fil-fehma tal-Qorti, ma setgħux jissodisfaw ir-rekwiżit taħt Regolament 25(2)(b) hawn fuq imsemmi.

Illi dak li trid tara l-Qorti huwa jekk dan it-tip ta' logħob tal-ażżard setax jiġi liċenzjat taħt xi liġi oħra viġenti dak iż-żmien. Fir-Risposti Maħlufa tagħhom il-konvenuti jirreferu li l-azzjonijiet kienu msejsa fuq l-Att Dwar Lotteriji U Logħob Ieħor (Kapitolu 438 tal-Liġijiet ta' Malta)[8]. Dan il-punt huwa spjegat b'mod aktar ċar fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-konvenuti fejn jgħidu li l-kapitolu tal-liġi in kwistjoni kien jagħti lill-Awtorità id-dritt li toħroġ liċenzja għal kull tip ta' logħob. Dan il-punt huwa konfermat mix-xhud Dr. Joseph Borg li jikkonferma fix-xiehda tiegħu li kien ikun diffiċli għalih li jwaqqaf applikazzjoni għall-*Additional Games*.

Illi f'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferenza għal Att Dwar Lotteriji U Logħob Ieħor (Kapitolu 438 tal-Liġijiet ta' Malta) fejn Artikolu 11 jistabbilixxi s-segwenti:

> "Il-funzjonijiet tal-Awtorità jkunu –
>
> (a) li toħroġ liċenza għal-Lotterija Nazzjonali <u>u liċenzi biex jiġu operati logħbiet oħra</u> u tissorvelja l-operat ta' detenturi ta' liċenza biex tiżgura li detenturi ta' liċenza jħarsu l-pattijiet u l-kondizzjonijiet tal-liċenza u d-disposizzjonijiet ta' dan l-Att u ta' regolamenti maħruġa taħt dan l-Att u kull direttiva applikabbli maħruġa mill-Awtorità skont dan l-Att jew regolamenti magħmulin taħtu; […]." [emfażi miżjuda]

Illi Artikolu 2 tal-istess Kapitolu 438 tal-Liġijiet ta' Malta jagħti s-segwenti definizzjoni tal-kelma "logħba":

> ""logħba" tfisser u tinkludi, ħlief għall-finijiet tat-tifsiriet ta' "makna għal-logħob tad-divertiment" u "logħba tad-divertiment" f'dan is-subartikolu, logħba tal-ażżard u

[8] Att dwar il-Logħob u l-Logħob Ieħor (Revokat bl-Att XVI tal-2018).

> logħba tal-ażżard u abbilta', imma ma tinkludix (i) ġrajja ta' sport, għalkemm tinkludi mħatra dwar l-isport u kull logħba tal-ażżard u logħba tal-ażżard u abbilta' oħra li l-operazzjoni jew il-logħob tagħha jkun jiddependi minn ġrajja ta' sport jew minn sett ta' ġrajjiet ta' sport jew ir-riżultat jew riżultanza ta' dawn u (ii) logħba tad-divertiment". [emfażi miżjuda]

Illi minn analiżi ta' din it-tifsira hija l-fehma tal-Qorti li l-Awtorità konvenuta kellha taħt l-Att ikkwotat il-funzjoni u konsegwentement il-poter li toħroġ liċenzja għal dawn it-tip ta' logħob li jinkludu mħatri dwar l-isports. Mir-rapport tekniku ippreżentat mis-soċjeta' attriċi jirriżulta li l-logħob li kien qed jiġi offrut permezz ta' magni definiti fir-rapport bħala *Self-Service Betting Terminals* kienu proprju logħob ta' imħatri dwar sports.

Illi b'hekk għandu jidher ċar li meta ġiet iffirmata l-konċessjoni in kwistjoni diġa' kien jeżisti qafas taħt liema l-Awtorità setgħet toħroġ liċenzja għal magni li huma kkontestati f'din il-vertenza u dana minkejja li dan il-qafas mhux dak ikkwotat fil-liċenzja proprja. Għalhekk is-soċjeta' attriċi ma tistax tgħid li l-Gvern kien *in mala fede* meta ffirma l-konċessjoni in kwistjoni għax il-liġi hija pubblika u kulħadd seta' jkun jaf b'dawn il-possibiltajiet inkluż is-soċjeta' attriċi.

Illi stabbilit dan dwar klawsola II(a) tal-konċessjoni (Dok. "A" – *a fol.* 373 *et seq.*), liema klawsola ġiet ikkwotata hawn fuq, fejn il-Gvern qisu qed jintrabat li joħroġ liċenzji dwar *sports betting* wara li jintervjeni b'mod leġislattiv, il-Qorti tinnota li hemm qbil li s-sejħa kienet ċara u ċioè li fuq l-*Additonal Games* ma kienet qed tingħata l-ebda garanzija ta' esklussivita'. Fix-xhieda tiegħu Damian Xuereb jasal biex jgħid li dawn ingħataw għax it-tranżazzjoni kienet kbira (*a fol.* 473 *tergo*).

Illi l-Qorti tifhem li l-ilment tas-soċjeta' attriċi huwa li skont l-interpretazzjoni tagħha, sa meta l-Gvern kien sejjer joħroġ tali leġislazzjoni, hija kienet ser tgawdi minn monopolju *de facto* u li għaldaqstant meta nħarġu l-liċenzji qabel it-tibdil fil-liġi hija tilfet

qligħ minħabba li hija kellha kompetizzjoni fis-settur tal-*Additional Games*.

Illi minkejja li din il-konċessjoni ma kinitx taqa' taħt ir-reġim tar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku (Leġislazzjoni Sussidjarja 174.04 tal-Liġijiet ta' Malta) applikabbli f'dak iż-żmien, il-Qorti ma tara l-ebda ħsara f'li tissellef ċerti prinċipji li jsawru din il-liġi stante l-fatt li wieħed xorta qed jitkellem fuq sejħa għall-offerti. Ġie stabbilit mill-Qrati tagħna li sejħa għall-offerti fiha nnifisha hija kuntratt u r-relazzjoni naxxenti minnha hija relazzjoni *ex contractu* u dana hekk kif stabbilit fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fid-29 ta' April 2016 fil-kawża fl-ismijiet **Avukat Peter Fenech noe vs. Dipartiment tal-Kuntratti** (Numru 977/2009).

Illi tali relazzjoni testendi mhux biss fuq is-soċjeta' attriċi iżda wkoll fuq kull offerent li oriġinarjament issottometta offerta għal konċessjoni, inkluż is-soċjeta' intervenuta. Li kieku l-Gvern bil-ftehim tiegħu ta xi forma ta' monopolju lis-soċjeta' attriċi, anke monopolju *de facto* temporanju bħal dak allegat f'dan il-każ, tali klawsola kienet tikser ir-reġim tas-sejħa b'konsegwenza li tali ftehim ikun ta' preġudizzju għal offerenti oħra li ma kienux jafu b'din il-possibbilita' u allura ma setgħux jirriflettuha fl-offerta tagħhom. Tali ilment ġie mressaq mis-soċjeta' intervenuta fir-Risposta Maħlufa tagħha (*a fol.* 71 *et seq.*) u ġie spjegat mir-rappreżentant tas-soċjeta' intervenuta Johann Schembri fl-affidavit tiegħu (*a fol.* 460 *et seq.*) fejn jgħid proprju dan.

Illi kkunsidrat dan kollu l-Qorti hija tal-fehma li r-rieda tal-partijiet hija espressa fil-verżjoni li hemm fil-liċenzja maħruġa mill-Awtorità konvenuta u konsegwentement l-iskop tal-klawsola kkontestata fil-konċessjoni jrid jinftiehem skont it-termini li hemm fl-istess liċenzja. Dan ifisser li l-iskop ta' klawsola bin-numru tlettax (13) fil-liċenzja (Dok. "B" – *a fol.* 378 *et seq.*) kien biss intiż sabiex iserraħ moħħ is-soċjeta' attriċi li jekk ikun hemm tibdil leġislattiv hija kien ser ikollha tmintax (18)-il xahar sabiex tadegwa ruħha u bl-ebda mod il-Gvern ma assuma fuqu l-obbligu li b'xi mod jew ieħor kellu jwassal għal xi forma ta' esklussivita' fattwali.

Illi konsegwentement, in vista ta' dak kollu li ngħad hawn fuq, il-Qorti ser tiċħad l-ewwel (1) talba tas-soċjeta' attriċi.

**It-Tieni (2) Talba**
**(Tħassar, tirrevoka u tannulla l-atti kollha li wasslu għal-liċenzjar awtorizzazzjoni u/jew approvazzjoni ta' terz/i operatur/i f'Malta ta' logħob u magni li joffru logħob ekwivalenti għall-*Additional Games* bi ksur tal-liċenzja u l-konċessjoni):**
Illi meħud in konsiderazzjoni dak kollu li ngħad hawn fuq u meħud in konsiderazzjoni wkoll tal-fatt li l-Qorti ser tiċħad l-ewwel (1) talba tas-soċjeta' attriċi għandu jsegwi li anke it-tieni (2) talba għandha tiġi miċħuda wkoll.

**It-Tielet (3) Talba**
**(Tiddikjara u tiddeċiedi li l-konvenuti solidament jew min minnhom huma responsabbli għad-danni kollha kaġunati lis-soċjeta' attriċi):**
Illi l-Qorti ma tantx għandha wisq xi tgħid dwar din it-talba u dana *stante* li meħud in konsiderazzjoni dak li ngħad hawn fuq fir-rigward tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) talba tas-soċjeta' attriċi jsegwi li l-Qorti għandha tiċħad ukoll it-tielet (3) talba tagħha.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-ewwel (1), it-tieni (2) u t-tielet (3) talba tas-soċjeta' attriċi Maltco Lotteries Limited hekk kif kontenuti fir-Rikors Maħluf tagħha.

Bl-ispejjeż kollha ta' dawn il-proċeduri, inkluż dawk tas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fid-9 ta' Ġunju 2017 (*a fol.* 159 *et seq.*), għandhom jitħallsu mis-soċjeta' attriċi Maltco Lotteries Limited.

| | |
|---|---|
| **Onor. Dr. Neville Camilleri** | **Alexia Attard** |
| **Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |